KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fil-15 ta’ Ottubru 2015[1]

**Kawża C-247/14 P**

**HeidelbergCement AG**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

“Appell — Swieq għas-siment u prodotti relatati — Artikolu 18(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 — Setgħat tal-Kummissjoni li titlob informazzjoni — Motivazzjoni — Neċessità tal-informazzjoni mitluba — Format tal-informazzjoni mitluba — Proporzjonalità tat-talba — Awtoinkriminazzjoni”

1. Liema huma l-kundizzjonijiet u l-limiti tas-setgħat tal-Kummissjoni li teżiġi, permezz ta’ deċiżjoni, li impriżi jagħtu informazzjoni, fil-kuntest ta’ investigazzjoni b’rabta ma’ possibbiltà ta’ ksur ta’ regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea?

2. Dawn huma, essenzjalment, il-kwistjonijiet ewlenin imqajma fl-appell ippreżentat minn HeidelbergCement AG (iktar ’il quddiem “HeidelbergCement” jew “l-appellanti”) kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali li ċiħad ir-rikors għal annullament dirett kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni, adottata skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003[2], li talbet lil dik il-kumpannija tagħti ammont kunsiderevoli ta’ informazzjoni.

3. Kwistjonijiet simili ħafna jitqajmu wkoll fi tliet appelli oħra, ippreżentati minn kumpanniji oħra attivi fis-suq tas-siment, kontra tliet sentenzi tal-Qorti Ġenerali li fihom dik il-qorti ċaħdet ukoll, fil-parti l-kbira, il-kontestazzjonijiet tagħhom għal deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ekwivalenti għal dik ikkontestata minn HeidelbergCement. F’dawk it-tliet kawżi l-oħra wkoll, jiena ser nagħti l-Konklużjonijiet tiegħi llum[3]. Dawn il-Konklużjonijiet tiegħi f’din il-kawża għandhom, għalhekk, jinqraw flimkien ma’ dawk il-Konklużjonijiet.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Regolament tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2002 **fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat** (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

3 — Kawżi C-248/14 P, Schwenk Zement vs Il-Kummissjoni, C-265/14 P, Cemex *et* vs Il-Kummissjoni, C-267/14 P, Buzzi Unicem vs Il-Kummissjoni, u C-268/14 P, Italmobiliare vs Il-Kummissjoni.

## I – Il-kuntest ġuridiku

4. Il-premessa 23 tar-Regolament Nru 1/2003 tgħid:

"Il-Kummissjoni għandha jkollha is-saħħa madwar il-Komunità li tirrekwiżixxi l-informazzjoni li tiġi mogħtija kif neċċessarju biex tiskopri xi ftehim, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma projbiti mil-[Artikolu 101 TFUE] jew xi abbuż ta' posizzjonijiet dominanti projbiti mil-[Artikolu 102 TFUE]. Meta qed taqbel ma deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-impriża ma tistax tiġi infurżata li tammetti sar xi ksur, imma huma obligati li jwieġbu għall-mistoqsijiet b'mod fattwali u jipprovdu dokumenti, anki jekk din l-infromazzjoni tista tiġi użata biex jiġi stabbilit kontrijhom jew kontra xi impriża oħra l-eżistenza ta' xi ksur."

5. L-Artikolu 18 ("Talba għall-informazzjoni") tar-Regolament Nru 1/2003, fil-parti rilevanti, jipprovdi:

"1. Sabiex tagħmel id-doveri assenjati lilha min dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', permezz ta' talba sempliċi jew ta' deċiżjoni, tirrikjedi l-impriża u l-assoċjazzjoni ta' l-impriża li tipprovdi l-informazzjoni kollha neċessarja.

2. Meta tintbagħat talba sempliċi għall-informazzjoni li xi impriża jew assoċjazzjoni ta' l-impriża, il-Kummissjoni ħa ssemmi il-bażi legali u ir-raġuni għat-talba, tispeċifika liema informazzjoni hi rikjesta u twaħħal limitu ta' ħin li fih l-informazzjoni għandha tiġi provduta, u il-pieni previsti mil-Artikolu 23 għal-fornitura inkorretta jew informazzjoni qarrieqa.

3. Fejn il-Kummissjoni tirrikjedi l-impriża u l-assoċjazzjoni ta' l-impriża biex tiffornixxi informazzjoni b'deċiżjoni, hi ħa tiddikjara il-bażi legali u ir-raguni għat-talba, tispeċifika liema inofrmazzjoni hi rikjesta u twaħħal il-limitu ta' ħin li fiħ irrid jiġi provduta. Hi ħa tindika ukoll il-pieni previsti mil-Artikolu 23 u tindika jew timponi il-pieni previsti mil-Artikolu 24. Hi ħa tindika ukoll id-dritt ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mil-Qorti tal-Ġustizzja.

[…]"

## II – Il-kuntest tal-proċeduri

6. Fl-2008 u 2009, il-Kummissjoni – li aġixxiet skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1/2003 – wettqet għadd ta' spezzjonijiet fil-postijiet ta' diversi kumpanniji attivi fl-industrija tas-siment, inkluża HeidelbergCement. Wara dawk l-ispezzjonijiet kien hemm, fl-2009 u 2010, għadd ta' talbiet għal informazzjoni skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 1/2003.

7. B'ittra tat-8 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni informat lil HeidelbergCement bl-intenzjoni tagħha li tibgħatilha deċiżjoni li kienet titlob informazzjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 u kkomunikatilha l-abbozz ta' kwestjonarju li hija kien biħsiebha tehmeż ma' dik id-deċiżjoni. HeidelbergCement bagħtet l-osservazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni fis-16 ta' Novembru 2010.

8. Fis-6 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni informat lil HeidelbergCement li kienet iddeċidiet li tibda proċeduri, skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 u l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 773/2004[4], kontriha, kif ukoll kontra seba' kumpanniji oħra minħabba suspett ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE li jinvolvi restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet fiż-ŻEE ġejjin minn pajjiżi barra miż-ŻEE, qsim tas-suq, koordinazzjoni tal-prezzijiet u prattika antikompetittiva relatata fis-suq tas-siment u fi swieq ta' prodotti relatati.

4 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004, tas-7 ta' April 2004, **dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE** (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81).

9. Fit-30 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2011) 2361 finali tat-30 ta' Marzu 2011 fi proċeduri skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Kawża 39520 – Siment u prodotti relatati) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

10. Fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni qalet li, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, sabiex taqdi d-doveri tagħha skont dan ir-Regolament, hija tista', b'talba sempliċi jew b'deċiżjoni, titlob li impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi jipprovdu l-informazzjoni kollha neċessarja (premessa 3 tad-deċiżjoni kkontestata). Wara li nnotat li r-rikorrenti kienet ġiet informata bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, u li din tal-ewwel kienet bagħtet l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-abbozz tal-kwestjonarju (premessi 4 u 5 tad-deċiżjoni kkontestata), il-Kummissjoni, b'deċiżjoni, talbet lill-appellanti twieġeb il-kwestjonarju fl-Anness I. Ta' min jinnota li l-Anness I kellu 94 paġna u 11-il sett ta' mistoqsijiet. L-istruzzjonijiet dwar it-tweġibiet għal dan il-kwestjonarju kienu fl-Anness II, filwaqt li t-templates tat-tweġibiet kienu jinsabu fl-Anness III.

11. Il-Kummissjoni ġibdet ukoll l-attenzjoni għall-allegat ksur (premessa 2 tad-deċiżjoni kkontestata), li hija ddeskriviet kif ġej: "[l-]allegat ksur jikkonċerna restrizzjonijiet fuq flussi ta' kummerċ fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), inklużi restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet fiż-ŻEE li jiġu minn pajjiżi barra miż-ŻEE, qsim tas-suq, koordinazzjoni tal-prezzijiet u prattika antikompetittiva relatata fis-suq tas-siment u fi swieq ta' prodotti relatati". B'riferiment għan-natura u l-volum tal-informazzjoni mitluba, kif ukoll għall-gravità tal-ksur allegat tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tagħti lill-appellanti 12-il ġimgħa biex twieġeb l-ewwel 10 settijiet ta' mistoqsijiet u ġimagħtejn biex tirrispondi l-11-il sett (premessa 8 tad-deċiżjoni kkontestata).

12. Il-parti operattiva tad-deċiżjoni kkontestata taqra kif ġej:

*"Artikolu 1*

HeidelbergCement flimkien mas-sussidjarji tagħha li jinsabu fl-Unjoni Ewropea u taħt il-kontroll dirett jew indirett tagħha, għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Anness I ta' din id-deċiżjoni, fil-forma mitluba fl-Annessi II u III tagħha, mhux iktar tard minn 12-il ġimgħa għall-mistoqsijiet 1 sa 10 u ġimgħatejn għall-mistoqsija 11, mid-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni. L-annessi kollha jifformaw parti integrali minn din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lil HeidelbergCement flimkien mas-sussidjarji tagħha li jinsabu fl-Unjoni Ewropea taħt il-kontroll dirett jew indirett tagħha."

13. Malli waslitilha d-deċiżjoni kkontestata HeidelbergCement applikat għal estensjoni tat-terminu ta' skadenza biex twieġeb xi settijiet ta' mistoqsijiet. Wara li inizjalment dik l-applikazzjoni kienet irrifjutata, wara talba oħra minn HeidelbergCement, il-Kummissjoni tat lill-appellanti estensjoni ta' ħames ġimgħat addizzjonali biex tirrispondi l-ewwel 10 settijiet ta' mistoqsijiet.

14. Fit-18 ta' April, fis-6 ta' Mejju u fit-2 ta' Awwissu 2011, HeidelbergCement tat ir-risposti tagħha għall-kwestjonarju mibgħut mill-Kummissjoni.

## III – Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

15. Permezz ta' rikors ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 2011, HeidelbergCement talbet lill-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

16. Permezz ta' rikors separat tas-17 ta' Ġunju 2011, HeidelbergCement talbet lill-Qorti Ġenerali tissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Permezz ta' digriet tad-29 ta' Ġunju 2011, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad dawk it-talbiet.

17. Permezz ta' sentenza tal-14 ta' Marzu 2014 f'HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni, T-302/11 (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") [5], il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-azzjoni u ordnat lil HeidelbergCement tħallas l-ispejjeż.

## IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet**

18. Fl-appell tagħha, ippreżentat fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Mejju 2014, HeidelbergCement titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

— tħassar is-sentenza fil-Kawża T-302/11;

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011) 2361 finali fil-proċeduri skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 (Kawża 39520 – Siment u prodotti relatati);

— sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tingħata deċiżjoni ġdida;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

19. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, tikkontendi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

— tiċħad l-appell;

— sussidjarjament, f'każ ta' annullament tas-sentenza fil-Kawża T-302/11, tiċħad l-azzjoni;

— tikkundanna lil HeidelbergCement għall-ispejjeż.

20. HeidelbergCement u l-Kummissjoni ppreżentaw argument orali fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2015.

## V – **L-analiżi tal-aggravji**

21. Fl-appell tagħha HeidelbergCement tissottometti seba' aggravji. Madankollu, qabel ma nanalizza l-mertu ta' dawn l-aggravji, ser nagħti eżempji ta' xi aspetti ewlenin tas-sistema prevista fir-Regolament Nru 1/2003 dwar talbiet għal informazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni.

5 — EU:T:2014:128.

A – *Introduzzjoni*

22. Ir-Regolament Nru 1/2003 jagħti setgħat ta' investigazzjoni estensivi lill-Kummissjoni [6]. L-għan ta' dawn is-setgħat huwa li din l-istituzzjoni taqdi d-doveri tagħha skont it-Trattati tal-Unjoni biex tiżgura li r-regoli tal-kompetizzjoni jkunu applikati b'mod effikaċi u uniformi fl-Unjoni Ewropea [7]. Għal dan l-għan il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa tiddeċiedi, l-ewwel nett, jekk tużax dawn is-setgħat [8] u, jekk tużahom, il-waqt adatt biex tagħmel hekk [9] u dwar il-fatti rilevanti x'tinvestiga [10].

23. Din id-diskrezzjoni, madankollu, ma hijiex mingħajr limiti. Tabilħaqq, fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni jeħtiġilha tosserva l-prinċipji ġenerali tad-dritt u d-drittijiet fundamentali magħrufa fid-dritt tal-Unjoni [11]. Fost dawn, hemm il-ħtieġa li jitħarsu d-drittijiet ta' difiża tal-impriżi fil-proċedura kollha [12], inkluż, taħt ċerti kundizzjonijiet, id-dritt li wieħed ma jinkriminax lilu nnifsu jkollu tifsira partikolari [13].

24. Barra dan, il-Qorti tal-Ġustizzja, f'diversi okkażjonijiet, saħqet li l-ħtieġa li individwi jkunu protetti kontra intervent arbitrarju jew sproporzjonat minn awtoritajiet pubbliċi fl-isfera privata tagħhom, inkluż meta dawn l-awtoritajiet ikunu qed jinfurzaw regoli tal-kompetizzjoni, hija prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni [14]. Miżura ta' investigazzjoni tkun arbitrarja meta tiġi adottata fin-nuqqas ta' fatti li jkunu jistgħu jiġġustifikaw l-interferenza mad-drittijiet fundamentali ta' impriża [15], u sproporzjonata meta tkun tikkostitwixxi interferenza eċċessiva u, għalhekk, intollerabbli ma' dawk id-drittijiet [16].

25. Fir-rigward tas-setgħa tal-Kummissjoni li titlob informazzjoni permezz ta' deċiżjoni, huwa ċar li l-Kummissjoni tista' tindirizza d-deċiżjoni tagħha lil kull impriża li jista' jkollha informazzjoni rilevanti, irrispettivament mill-involviment tagħha fil-ksur issuspettat. Dik is-setgħa tinkludi d-dritt li kumpanniji jintalbu jagħtu risposti għal mistoqsijiet speċifiċi u li jiżvelaw dokumenti fil-pussess tagħhom [17]. L-informazzjoni mitluba għandha tkun "neċessarja" għall-Kummissjoni biex tagħti effett lill-Artikoli 101 u 102 TFUE.

26. Għalkemm l-oneru tal-prova ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni huwa tal-Kummissjoni [18], l-impriżi suġġetti għal miżuri ta' investigazzjonijiet huma, madankollu, fid-dmir li jikkooperaw attivament ma' din l-istituzzjoni [19].

6 — Kif osservajt f'Konklużjonijiet preċedenti, huwa ġeneralment aċċettat li l-Kummissjoni għandu jkollha l-jedd tgawdi minn setgħat estensivi bħal dawn, u diskrezzjoni xierqa fl-eżerċizzju tagħhom, minħabba li ksur tal-kompetizzjoni jikkostitwixxi kontravenzjoni gravi tal-liġijiet ekonomiċi li fuqhom hija mibnija l-Unjoni Ewropea. Ara l-Konklużjonijiet tiegħi f'Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, C-583/13 P, EU:C:2015:92, punt 62.

7 — Ara, għal dan il-għan, il-premessa 1 tar-Regolament Nru 1/2003. Ara wkoll is-sentenza Hoechst vs Il-Kummissjoni, 46/87 u 227/88, EU:C:1989:337, punt 25.

8 — Is-sentenzi Solvay vs Il-Kummissjoni, 27/88, EU:C:1989:388 punti 12 u 13, u Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:387, punti 15 u 16.

9 — Ara, għal dan il-għan, is-sentenzi Automec vs Il-Kummissjoni, T-24/90, EU:T:1992:97, punt 77, u Ufex *et* vs Il-Kummissjoni, C-119/97 P, EU:C:1999:116, punt 88.

10 — Ara, għal dan il-għan, is-sentenza AM & S Europe vs Il-Kummissjoni, 155/79, EU:C:1982:157.

11 — Ara l-premessa 37 tar-Regolament Nru 1/2003. Ara wkoll is-sentenza Hoechst vs Il-Kummissjoni, 46/87 u 227/88, EU:C:1989:337.

12 — Ara, għal dan il-għan is-sentenza, Hoechst vs Il-Kummissjoni, 46/87 u 227/88, EU:C:1989:337, punti 14 u 15, u Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:387, punt 32.

13 — Ara l-premessa 23 tar-Regolament Nru 1/2003.

14 — Ara s-sentenzi Hoechst vs Il-Kummissjoni, 46/87 u 227/88, EU:C:1989:337, punt 19, u Roquette Frères, C-94/00, EU:C:2002:603, punti 27, 50 u 52.

15 — Sentenzi RoquetteFrères, C-94/00, EU:C:2002:603, punt 55, u Dow Chemical Ibérica *et* vs Il-Kummissjoni, 97/87 sa 99/87, EU:C:1989:380, punt 52.

16 — Ara, għal dan il-għan, is-sentenza Roquette Frères, C-94/00, EU:C:2002:603, punti 76 u 80 u l-ġurisprudenza ċċitata.

17 — Ara, għal dan il-għan, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs SGL Carbon, C-301/04 P, EU:C:2006:432, punt 41, u Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 61.

18 — Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/2003.

19 — Ara s-sentenza Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:387, punt 27.

27. Biex dawk l-impriżi jitħallew jivvalutaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-dmir tagħhom li jikkooperaw, meta fl-istess waqt iħarsu d-drittijiet ta' difiża tagħhom [20], il-Kummissjoni għandha tindika l-bażi legali u l-għan tat-talba fid-deċiżjoni [21].

28. Huwa f'dak l-isfond li jiena issa ser nanalizza l-aggravji mressqa mill-appellanti.

B – *L-aggravji*

1. L-għan tat-talba għal informazzjoni

a) L-argumenti tal-partijiet

29. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha dirett kontra l-punti 23 sa 43 u 47 tas-sentenza appellata – HeidelbergCement tissottometti li l-Qorti Ġenerali interpretat u applikat ħażin l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 meta ċaħdet il-motiv tagħha li kien jallega motivazzjoni inadegwata tad-deċiżjoni kkontestata. B'mod partikolari, skont l-appellanti, id-deċiżjoni kkontestata kienet nieqsa minn dettalji dwar in-natura tal-ksur issuspettat, kif ukoll dwar il-prodotti u s-swieq ġeografiċi kkonċernati. HeidelbergCement tallega wkoll motivazzjoni inadegwata mill-Qorti Ġenerali dwar din il-kwistjoni.

30. Il-Kummissjoni tikkontendi li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud. Il-Kummissjoni tisħaq li l-proċedura kienet għadha fi stadju bikri meta d-deċiżjoni kkontestata kienet adottata. Talba għal informazzjoni ma jistax ikollha l-livell ta' dettall li huwa meħtieġ għal deċiżjonijiet adottati fi tmiem investigazzjoni, bħal dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet.

b) Analiżi

31. Mill-bidu nett irrid infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 296 TFUE għal miżuri adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandha tkun adattata għall-miżura inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament segwit mill-istituzzjoni li tkun adottat dik il-miżura b'tali mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jsiru jafu r-raġunijiet għaliha u biex il-Qrati tal-Unjoni jkunu jistgħu jistħarrġu l-legalità tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-fatti u l-punti ta' liġi rilevanti kollha, minħabba li l-kwistjoni jekk il-motivazzjoni tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata fir-rigward mhux biss tal-kliem iżda wkoll tal-kuntest tagħha u tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat [22].

32. Fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jordnaw spezzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1/2003, il-Qorti tal-Ġustizzja dan l-aħħar ikkonfermat li l-Kummissjoni ma jeħtiġilhiex tikkomunika lid-destinatarji ta' deċiżjonijiet bħal dawn l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħha dwar l-allegat ksur, jew li tagħmel analiżi legali preċiża ta' dak il-ksur, bil-kundizzjoni li hija tindika b'mod ċar il-fatti preżunti li hija tkun biħsiebha tinvestiga. Għalkemm il-Kummissjoni hija obbligata tindika b'mod preċiż kemm jista' jkun il-prova li tkun qed tfittex u l-kwistjonijiet li tkun relatata magħhom l-investigazzjoni, min-naħa l-oħra ma huwiex essenzjali f'deċiżjoni li tordna spezzjoni sabiex identifikat b'mod preċiż is-suq rilevanti, in-natura legali tal-allegat ksur jew il-perijodu li matulu jkun seħħ dak il-ksur, sakemm id-deċiżjoni jkollha l-elementi essenzjali msemmija diġà. Tabilħaqq, l-ispezzjonijiet

20 — Ara, b'mod ġenerali, is-sentenza Roquette Frères, C-94/00, EU:C:2002:603, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata.

21 — Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003.

22 — Ara s-sentenza Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:2030, punti 31 u 32 u l-ġurisprudenza ċċitata.

normalment isiru fil-bidu ta' investigazzjoni u, konsegwentement, il-Kummissjoni jkun għad jonqosha, f'dak l-istadju, informazzjoni preċiża dwar dawk l-aspetti. Huwa proprju l-għan ta' spezzjoni li jinġabru provi b'rabta ma' ksur issuspettat biex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika s-suspetti tagħha u tagħmel analiżi legali iktar preċiża [23].

33. Dawn il-prinċipji jidhirli li huma applikabbli – *mutatis mutandis* – għal deċiżjonijiet li jitolbu informazzjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003. Evidentement, iż-żewġ tipi ta' miżuri għandhom l-istess għan u jikkonsistu f'eżerċizzju ta' ġbir ta' fatti. Għalkemm ma humiex ifformulati f'termini identiċi, ix-xebh relattiv taż-żewġ dispożizzjonijiet jidher li jsostni qari uniformi tagħhom it-tnejn [24].

34. F'dak l-isfond, il-kwistjoni kruċjali hija jekk il-Qorti Ġenerali kinitx eżaminat b'mod korrett kemm kienet adegwata l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Fi kliem ieħor, il-mistoqsija hija kif ġej: meqjus l-istadju tal-proċedura li fih id-deċiżjoni kkontestata kienet adottata, il-motivazzjoni inkwistjoni hija ċara biżżejjed biex, minn naħa, min irċeviha seta' jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' difiża u jevalwa d-dmir tiegħu li jikkoopera mal-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, tippermetti l-eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju mill-Qrati tal-Unjoni?

35. Fil-fehma tiegħi, din il-mistoqsija għandha tingħata tweġiba fin-negattiv.

36. L-appellanti tikkritika tliet elementi tal-motivazzjoni: (i) id-deskrizzjoni tal-allegat ksur, (ii) il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tiegħu, u (iii) il-prodotti milquta mill-ksur. Huwa tabilħaqq minnu li kull wieħed minn dawn l-elementi huwa fformulat – biex nuża l-kliem li użat il-Qorti Ġenerali – "f'termini ġenerali ħafna li seta' kellhom iktar dettalji u [kien ħaqqhom] kritika f'dak ir-rigward" [25].

37. Dwar dak li għandu x'jaqsam mal-allegat ksur, il-premessa 2 tad-deċiżjoni kkontestata tgħid: "[l-]allegat ksur jikkonċerna restrizzjonijiet fuq flussi ta' kummerċ [...], inklużi restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet [...], qsim tas-suq, koordinazzjoni tal-prezzijiet u prattika antikompetittiva relatata". Din id-deskrizzjoni tal-ksur li seta' kien hemm tidher mhux biss pjuttost vaga ("restrizzjonijiet fuq flussi ta' kummerċ", "inklużi restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet") iżda wkoll globali ("prattika antikompetittiva relatata"). Ir-riferiment għal "qsim tas-suq" u "koordinazzjoni tal-prezzijiet" – li huwa tant ġenerali – ma tantx jikkontribwixxi biex jiddelimita b'iktar preċiżjoni n-natura tal-imġiba ssuspettata mill-Kummissjoni. L-akkordji, kważi kollha, fil-fatt, jinkludu elementi ta' qsim tas-suq u ffissar tal-prezzijiet. Fil-prattika, il-maġġoranza kbira tat-tipi ta' ftehim ipprojbiti mill-Artikolu 101 TFUE jidhru li jinqabdu minn din id-deskrizzjoni.

38. Fir-rigward tal-portata ġeografika tal-allegat ksur, id-deċiżjoni kkontestata ssemmi restrizzjonijiet fuq flussi ta' kummerċ fiż-ŻEE, inklużi restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet fiż-ŻEE ġejjin minn pajjiżi barra miż-ŻEE. Huwa minnu li l-komponent ġeografiku tas-suq rilevanti ma jeħtiġlux definizzjoni f'deċiżjoni skont l-Artikolu 18 [26], iżda xi riferiment għall-inqas għal xi wħud mill-pajjiżi milquta missu kien possibbli. B'mod partikolari, ma huwiex ċar jekk is-suq li seta' ntlaqat huwiex taż-ŻEE kollha jew partijiet minnha u, jekk hu hekk, liema.

23 — *Ibidem*, punti 34 sa 37 u l-ġurisprudenza ċċitata.

24 — L-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 jipprovdi li d-deċiżjoni għandha "issemmi il-bażi legali u ir-raġuni għat-talba, tispeċifika liema informazzjoni hi rikjesta u twaħħal limitu ta' ħin li fih l-informazzjoni għandha tiġi provduta". L-Artikolu 20(4) tal-istess Regolament jipprovdi li d-deċiżjoni għandha "tispeċifika is-suġġet u l-għan tal-ispezzjoni, taħtar id-data li fiha tibda".

25 — Punt 42 tas-sentenza appellata.

26 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott f'Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:223, punti 35 sa 38.

39. Fl-aħħar nett, id-deċiżjoni kkontestata hija anki iktar eluživa meta tiġi biex tispjega l-prodotti li huma s-suġġett tal-investigazzjoni. Fil-prattika, is-siment biss huwa identifikat bħal prodott rilevanti, minħabba li – għall-bqija – id-deċiżjoni tirreferi għal "swieq ta' prodotti relatati [mas-siment]". Għal darba oħra din id-deskrizzjoni mhux biss hija vaga għall-aħħar (kemm għandu l-prodott ikun "relatat" mill-qrib mas-siment?), iżda potenzjalment tkopri t-tipi kollha ta' prodotti li għalihom l-appellanti hija attiva (bħala bejjiegħa jew bħala xerrejja).

40. Skont il-Qorti Ġenerali[27], l-iskarsezza tad-dettalji fid-deċiżjoni kkontestata tittaffa parzjalment mill-fatt li hija tirreferi espressament għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda proċeduri, li kienet tinkludi informazzjoni addizzjonali dwar kemm kien kbir ġeografikament l-allegat ksur u t-tip ta' prodotti koperti.

41. HeidelbergCement ma taqbilx li n-nuqqasijiet tad-deċiżjoni kkontestata jistgħu jissewwew b'sempliċi riferiment għal deċiżjoni preċedenti, u tinnota li, f'kull każ, id-deċiżjoni li jinbdew proċeduri hija milquta wkoll mill-istess nuqqas ta' dettalji.

42. Fil-fehma tiegħi, atti tal-Unjoni li jimponu obbligi li jinterferixxu fl-isfera privata ta' individwi jew impriżi u li, jekk ma jkunx hemm konformità magħhom, iġibu r-riskju ta' pieni finanzjarji kbar, għandu jkollhom, fil-prinċipju, motivazzjoni indipendenti[28]. Tabilħaqq, dan huwa importanti biex dawk l-individwi u l-impriżi jkunu jistgħu jifhmu r-raġunijiet għal dak l-att mingħajr sforz interpretattiv eċċessiv[29], biex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv u f'waqtu. Dan huwa minnu l-iktar għal atti li jinkludu riferimenti espressi għal atti preċedenti li kellhom motivazzjoni differenti. Kull differenza li jkollha tifsira bejn iż-żewġ atti tista' tkun is-sors ta' inċertezza għad-destinatarju.

43. Minkejja dan, jiena tal-opinjoni li, bħala eċċezzjoni, f'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali kienet korretta meta qalet li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tista' tinqara flimkien mal-motivazzjoni inkluża fid-deċiżjoni li jinbdew proċeduri. Iż-żewġ deċiżjonijiet kienu adottati fil-qafas tal-istess investigazzjoni u ovvjament jikkonċernaw l-istess allegat ksur. Kienu adottati wkoll fi żmien qasir. Iktar importanti huwa li jidher li ma hemmx differenza sinjifikattiva bejn il-motivazzjoni taż-żewġ deċiżjonijiet. Għalhekk jiena tal-fehma li, f'din il-kawża, l-ewwel deċiżjoni tista' titqies bħala li hija "kuntest" tat-tieni deċiżjoni, li d-destinatarju ma setax ma kienx jaf biha[30].

44. Madankollu, jekk huwa minnu li l-ewwel deċiżjoni kienet tinkludi iktar dettalji sinjifikanti dwar portata ġeografika tal-allegat ksur (li jispjegaw li dak il-ksur kien ikopri l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, Spanja u r-Renju Unit), hija ma kinitx ugwalment preċiża dwar in-natura ta' dak il-ksur u l-prodotti koperti. Partikolarment għaliex l-ispjegazzjoni mogħtija tal-kunċett ta' "siment u prodotti relatati" inkluża f'nota ta' qiegħ il-paġna fil-paġna 4 ta' dik id-deċiżjoni tkopri sett ta' prodotti li jista' jkun wiesa' ħafna u differenti għalkollox.

45. Wara li għidt dan, jiena tal-fehma li l-fatt li motivazzjoni tista' wkoll tkun ġenerali jew xi ftit jew wisq vaga dwar ċerti aspetti ma jirriżultax f'invalidità jekk il-bqija tad-deċiżjoni tippermetti lil min jirċeviha u lill-qrati tal-Unjoni jifhmu bi preċiżjoni biżżejjed liema informazzjoni l-Kummissjoni tkun qed titlob u r-raġunijiet għal dan[31]. Tabilħaqq, anki jekk biss indirettament jew impliċitament, is-suġġett tal-mistoqsijiet jista' jixħet iktar dawl fuq il-motivazzjoni li setgħet ġiet abbozzata mingħajr il-preċiżjoni meħtieġa. Wara kollox, mistoqsijiet preċiżi u ffokati ħafna inevitabbilment juru l-kamp ta'

27 — Punti 41 u 42 tas-sentenza appellata.

28 — Ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger f'BPB Industries u British Gypsum vs Il-Kummissjoni, C-310/93 P, EU:C:1994:408, punt 22.

29 — Ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Lenz f'SITPA C-27/90, EU:C:1990:407, punt 59.

30 — Ara l-ġurisprudenza msemmija fil-punt 31 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

31 — L-Avukat Ġenerali Kokott tgħid fil-Konklużjonijiet tagħha f'Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:223: "Dak li huwa importanti [...] ma huwiex daqstant li tingħata deskrizzjoni kemm jista' jkun preċiża tas-swieq affettwati, iżda pjuttost li tingħata deskrizzjoni, li tkun tista' tinftiehem mill-kumpanniji kkonċernati, tal-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni li jkun issuspettat mill-Kummissjoni" (punt 52).

applikazzjoni tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni. Dan jidhirli li huwa partikolarment minnu għal atti adottati fi stadju bikri tal-proċess, meta l-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni ma jkunx stabbilit kollu u finalment u, fil-fatt, jista' jkun jeħtieġlu jiġi limitat jew imkabbar fil-ġejjieni, b'konsegwenza tal-informazzjoni miġbura wara.

46. F'din il-kawża, madankollu, l-oppost huwa attwalment minnu. Il-mistoqsijiet magħmula lil HeidelbergCement huma ta' għadd straordinarjament kbir u jkopru tipi diversi ħafna ta' informazzjoni. Naħseb li jkun ferm diffiċli tiġi identifikata linja ta' konnessjoni fost mistoqsijiet b'firxa mill-kwantità u l-ispejjeż ta' emissjonijiet $CO_2$ minn faċilitajiet ta' produzzjoni [32] għall-mezzi ta' trasport u d-distanzi li jkunu ħadu vjaġġi bil-baħar tal-oġġetti mibjugħa [33], mit-tip ta' ppakkjar użat għall-vjaġġi [34] għall-ispejjeż tat-trasport u tal-assigurazzjoni għal dawk il-vjaġġi [35]; minn statistika dwar permessi għal bini [36] għal numri tal-VAT tal-klijenti tagħha [37]; u mit-teknoloġija u l-fjuwil użati fil-faċilitajiet tal-produzzjoni [38] għall-ispejjeż ta' tiswija u manutenzjoni ta' dawk il-faċilitajiet [39]. Barra dan, xi mistoqsijiet li saru ma jidhrux li jaqblu għalkollox ma' dak li kien intqal fid-deċiżjoni ta' qabel biex jinbdew proċeduri: pereżempju l-mistoqsijiet 3 u 4 (li huma dwar ammont partikolarment sinjifikanti ta' informazzjoni tul perijodu ta' 10 snin [40]) ma humiex limitati għall-Istati Membri identifikati bħala li kienu kkonċernati bid-deċiżjoni li jinbdew proċeduri.

47. Inċidentalment, kieku l-linja ta' konnessjoni li torbot dawk il-mistoqsijiet flimkien kellha turi kompletament l-istruttura tad-dħul u tal-ispejjeż tal-impriża biex il-Kummissjoni tkun tista' tanalizzaha b'metodi ekonometriċi (billi tqabbilha ma' dawk ta' kumpanniji oħra attivi fl-industrija tas-siment), seta' kien ikun hemm dubju jekk talba għal informazzjoni bħal din tant wiesgħa u globali kinitx wara kollox adatta skont l-Artikolu 18. Sakemm il-Kummissjoni ma jkollhiex fil-pussess tagħha indizji konkreti li juru mġiba oġġezzjonabbli li għalihom analiżi bħal din tkun tista' tipprovdi sostenn meħtieġ, talba bħal din għal informazzjoni tkun tidher iktar adatta għal investigazzjoni settorjali skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1/2003 [41].

48. F'dawk iċ-ċirkustanzi, naqbel mal-appellanti li l-għan tat-talba tal-Kummissjoni għal informazzjoni ma kienx ċar biżżejjed u mhux ambigwu. Konsegwentement kien eċċessivament diffiċli għal dik l-impriża tifhem l-allegat ksur biex tivvaluta sa fejn kellha d-dmir li tikkoopera mal-Kummissjoni u, jekk ikun meħtieġ, teżerċita d-drittijiet tagħha ta' difiża, pereżempju billi tirrifjuta li twieġeb il-mistoqsijiet li hija qieset illegali. Iktar u iktar minħabba – kif il-Qorti Ġenerali nfisha rrikonoxxiet – ċerti mistoqsijiet kienu jikkonċernaw informazzjoni li ma kinitx purament fattwali u kienu jinkludu ġudizzju ta' valuri [42], u mistoqsijiet oħra kienu relattivament vagi [43]. Minħabba f'hekk, fir-rigward ta' dawk il-mistoqsijiet, ma setax jiġi eskluż mill-appellanti r-riskju li jingħataw tweġibiet awtoinkriminatorji.

49. Dak in-nuqqas ta' dettalji ma jistax – kif issostni l-Kummissjoni – ikun iġġustifikat mill-fatt li d-deċiżjoni kkontestata kienet adottata fi stadju bikri tal-investigazzjoni. Tabilħaqq, dik id-deċiżjoni nħarġet kważi tliet snin wara li kienet bdiet l-investigazzjoni. Matul dak iż-żmien kienu saru għadd ta' spezzjonijiet u kienu diġà nħarġu mill-Kummissjoni talbiet iddettaljati ħafna għal informazzjoni u kienu ngħataw risposti mill-impriżi kkonċernati, inkluża HeidelbergCement. Fil-fatt xi xhur qabel l-adozzjoni

32 — Mistoqsija 5(AG) u (AH).
33 — Mistoqsija 3(Z), (AB) u (AD).
34 — Mistoqsija 3(AH).
35 — Mistoqsija 4(Z).
36 — Mistoqsija 2.
37 — Mistoqsija 3(Y) u Mistoqsija 4(W).
38 — Mistoqsija 5(F) u (G).
39 — Mistoqsija 5(AF).
40 — L-appellanti qieset li dawk il-mistoqsijiet waħedhom kienu dwar 500 000 tranżazzjoni ekonomika.
41 — Ara wkoll iktar 'il quddiem, il-punt 74 ta' dawn il-Konklużjonijiet.
42 — Ara l-punt 126 tas-sentenza appellata.
43 — Ara l-punt 112 tas-sentenza appellata.

tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li kienet ġabret elementi biżżejjed biex tibda proċeduri skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 1/2003 u l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 773/2004. B'dawn l-elementi l-Kummissjoni kellha tkun tista' tipprovdi iktar raġunijiet dettaljati fid-deċiżjoni kkontestata.

50. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni nfisha qalet li l-ammont ta' dettall meħtieġ f'motivazzjoni jiddependi, fost l-oħrajn, mill-informazzjoni li l-Kummissjoni jkollha fil-pussess tagħha meta tiġi adottata deċiżjoni skont l-Artikolu 18. Naħseb li dan huwa korrett. Madankollu, fil-fehma tiegħi, dan neċessarjament jimplika li motivazzjoni li tista' tkun aċċettabbli fir-rigward ta' deċiżjoni adottata fil-bidu ta' investigazzjoni (jiġifieri deċiżjoni li tkun teżiġi li impriża toqgħod għal spezzjoni skont l-Artikolu 20, jew proprju l-ewwel deċiżjoni li tintalab informazzjoni skont l-Artikolu 18(3)) tista' ma tkunx ugwalment aċċettabbli fir-rigward ta' deċiżjoni adottata fi stadju ħafna iktar tard tal-investigazzjoni, meta l-Kummissjoni jkollha informazzjoni iktar estensiva dwar l-allegat ksur.

51. F'dawk iċ-ċirkustanzi ma nsibhiex skużabbli li, minkejja l-informazzjoni kollha diġà ngħatat lill-Kummissjoni tul is-snin ta' qabel, u l-isforzi addizzjonali li d-deċiżjoni kkontestata kienet timplika, HeidelbergCement kienet għadha ma taf xejn dwar il-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

52. Barra dan, naħseb li l-eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju mill-qrati tal-Unjoni dwar il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata sar sinjifikatament iktar diffiċli. Minħabba l-ftit informazzjoni dwar l-allegat ksur li hemm f'dik id-deċiżjoni (anki meta moqrija fl-isfond tad-deċiżjoni biex jinbdew il-proċeduri), kif il-qrati tal-Unjoni ser jivvalutaw, pereżempju, il-ħtieġa għal ċerti biċċiet speċifiċi ta' informazzjoni mitluba jew in-natura proporzjonata tat-talba globali? [44]

53. Minn naħa, iktar ma motivazzjoni tkun ifformulata b'mod wiesa' u vag, iktar tkun tista' tidher b'mod ċar korrelazzjoni bejn l-allegat ksur u l-informazzjoni mitluba. Madankollu ma jistax ikun aċċettat li motivazzjoni li, b'mod negliġenti jew apposta, tkun ġiet abbozzata mingħajr il-preċiżjoni meħtieġa, ikollha l-konsegwenza mhux maħsuba li tkabbar it-tipi ta' informazzjoni li tista' titqies "neċessarja" għall-finijiet tal-Artikolu 18.

54. Min-naħa l-oħra, minħabba li l-proporzjonalità ta' talba għal informazzjoni tiddependi, fost oħrajn, minn elementi bħall-gravità tal-ksur issuspettat, in-natura tal-involviment tal-impriża kkonċernata, l-importanza tal-provi mfittxija, l-ammont u t-tip ta' informazzjoni utli li l-Kummissjoni taħseb li tkun fil-pussess tal-impriża inkwistjoni[45], dik l-analiżi hija wkoll diffiċli ħafna titwettaq. Il-qrati tal-Unjoni jistgħu jivvalutaw l-ammont tax-xogħol maħluq minn talba speċifika għal informazzjoni imma, fin-nuqqas ta' iktar dettalji dwar dawk l-aspetti, ma jistgħux jiddeterminaw jekk l-isforzi meħtieġa minn impriża biex tagħti tweġiba għal talba bħal din ikunux iġġustifikati jew le fl-interess pubbliku.

55. Għal dawn ir-raġunijiet jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali interpretat u applikat ħażin l-Artikolu 296 TFUE u l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 fir-rigward tal-motivazzjoni meħtieġa f'deċiżjoni li tintalab informazzjoni. Is-sentenza appellata għandha, għalhekk, tiġi annullata sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, għar-raġunijiet indikati fil-punti 23 sa 43 ta' dik is-sentenza, li d-deċiżjoni kkontestata kellha motivazzjoni adegwata.

44 — Ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs f'SEP vs Il-Kummissjoni, C-36/92 P, EU:C:1993:928, punt 30.

45 — Ara l-punti 99 u 100 tal-Konklużjonijiet tiegħi f'Buzzi Unicem vs Il-Kummissjoni, C-267/14 P.

2. Għażla tal-istrument legali u termini ta' skadenza imposti

a) L-argumenti tal-partijiet

56. Bit-tieni aggravju tagħha dirett kontra l-punti 44 sa 46 tas-sentenza appellata, HeidelbergCement tissottometti li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta rriteniet li l-motivazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata ma kienx jeħtiġilha tindirizza l-għażla tal-istrument legali adottat mill-Kummissjoni (deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 minflok talba sempliċi skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament Nru 1/2003), jew it-termini ta' skadenza stabbiliti f'dak l-istrument.

57. Il-Kummissjoni tissottometti li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad dan l-aggravju.

b) Analiżi

58. Jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta rriteniet li d-deċiżjoni kkontestata ma kienx jeħtiġilha tinkludi motivazzjoni speċifika u espliċita dwar l-għażla tal-istrument legali użat mill-Kummissjoni jew dwar it-terminu ta' skadenza stabbilit għall-għoti tal-informazzjoni mitluba.

59. L-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 jitlob li d-deċiżjoni "tiddikjara" biss "il-bażi legali u ir-raguni għat-talba, tispeċifika liema inofrmazzjoni hi rikjesta u twaħħal il-limitu ta' ħin li fiħ irrid jiġi provduta". Filwaqt li din id-dispożizzjoni titlob li l-Kummissjoni tiddikjara, fost affarijiet oħra, l-għan tat-talba, hija ma titlobx, għall-inqas espressament, xi spjegazzjoni dwar l-għażla tal-istrument legali jew it-terminu ta' skadenza stabbilit.

60. Għaldaqstant, wieħed jista' jassumi li l-leġiżlatur tal-Unjoni tkun qies li r-raġunijiet għall-għażla tal-istrument legali u tat-terminu ta' skadenza jkunu jistgħu normalment jinftiehmu, b'implikazzjoni, minn deskrizzjoni dettaljata biżżejjed tal-għan tal-investigazzjoni. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'National Panasonic vs Il-Kummissjoni [46] – imsemmija fil-punt 44 tas-sentenza appellata – għalija tidher li hija applikabbli, b'analoġija, ma' din il-kawża u, għalhekk, tikkonferma l-interpretazzjoni ssuġġerita tad-dmir li jingħataw raġunijiet skont l-Artikolu 18.

61. Barra dan, ma naħsibx li jista' jkun hemm xi obbligu għall-Kummissjoni dwar dan il-punt li jista' jirriżulta mill-Artikolu 296 TFUE. Kif imsemmi iktar 'il fuq, skont ġurisprudenza stabbilita, ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni għal xi att tispeċifika l-fatti u l-punti ta' liġi rilevanti kollha, minħabba li l-kwistjoni jekk il-motivazzjoni tkunx adegwata għandha tiġi evalwata mhux biss fir-rigward tal-kliem tagħha imma wkoll tal-kuntest tagħha u tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-kwistjoni tal-każ [47]. Il-fatt li min jirċievi att tal-istituzzjonijiet ikun jaf bil-kuntest li fih dak l-att ikun ġie adottat [48], pereżempju minħabba li kellu x'jaqsam ma' jew ikkontribwixxa għall-proċedura li tkun wasslet għall-adozzjoni tiegħu [49], jista' jiġġustifika motivazzjoni relattivament qasira.

62. Id-deċiżjoni kkontestata kienet adottata fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar ksur li seta' kien hemm tal-Artikolu 101 TFUE li fih l-appellanti kienet issuspettata li kellha sehem. L-appellanti diġà kienet involuta fil-fatt f'din l-investigazzjoni diversi drabi u kienet taf minn qabel bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li din tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003.

46 — National Panasonic vs Il-Kummissjoni, 136/79, EU:C:1980:169, punti 24 sa 27.

47 — Ara l-punt 31 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

48 — Ara, pereżempju, is-sentenza Il-Kunsill vs Bamba, C-417/11 P, EU:C:2012:718, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata.

49 — Ara, fost oħrajn, is-sentenza Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, 13/72, EU:C:1973:4, punt 12, u s-sentenza Acciaierie e ferriere Lucchini vs Il-Kummissjoni, 1252/79, EU:C:1980:288, punt 14.

63. Barra dan, meqjus il-format speċifiku impost, u r-riferiment għal impriżi oħra inklużi fid-deċiżjoni li jinbdew il-proċeduri, l-appellanti ma setgħetx ma kinitx taf li ħafna mill-informazzjoni mitluba fid-deċiżjoni kkontestata kienet tikkonsisti f'data li l-Kummissjoni kienet talbet mingħand dawk l-impriżi kollha bil-għan li jsir paragun bejn dik id-data [50]. Il-Kummissjoni setgħet tagħmel paragun b'tifsira biss jekk l-informazzjoni mitluba kienet ingħatat ftit jew wisq fl-istess żmien, u kienet preċiża u sħiħa. Żbalji jew dewmien, anki minn wieħed biss li jkun bagħat tweġiba, kien ifisser li l-paragun prospettat mill-Kummissjoni ma kienx ikun jista' jsir, jew, f'kull każ, ma kienx ikun ta' min joqgħod fuqu biżżejjed.

64. F'dawk iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni kellha l-jedd tqis li l-adozzjoni ta' deċiżjoni vinkolanti skont l-Artikolu 18(3) kienet l-iktar metodu adatt biex ikun żgurat li l-informazzjoni mitluba tkun kompleta u korretta kemm jista' jkun, u tintbagħat fiż-żmien mixtieq. Il-Kummissjoni kellha wkoll il-jedd tassumi li d-destinatarju tad-deċiżjoni seta' jifhem ir-raġunijiet għall-għażla tagħha li toħroġ deċiżjoni vinkolanti.

65. Fir-rigward tal-għażla tat-termini ta' skadenza ffissati biex tintbagħat tweġiba għall-mistoqsijiet, nosserva li, bħalma sewwa jingħad fil-punt 46 tas-sentenza appellata, il-premessa 2 tad-deċiżjoni kkontestata fil-fatt tat spjegazzjoni qasira taż-żewġ termini ta' skadenza differenti ffissati għaż-żewġ settijiet differenti ta' mistoqsijiet fid-deċiżjoni kkontestata. L-appellanti tqiegħdet, b'hekk, f'qagħda fejn setgħet tifhem li dawk it-termini ta' skadenza kienu ġew deċiżi wara li l-Kummissjoni kienet wieżnet l-ammont ta' informazzjoni mitluba mal-ħtieġa li tagħmel investigazzjoni b'ċerta ħeffa.

66. Għalhekk il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata dwar dawk l-aspetti. Dik il-konklużjoni ma tħallix impriżi mingħajr protezzjoni ġudizzjarja adegwata – kif l-appellanti tidher li qed timplika – peress li l-qrati tal-Unjoni ovvjament għandhom is-setgħa jivverifikaw jekk l-għażla tal-istrument legali jew tat-terminu ta' skadenza ffissat ikunx ivvizzjata minn żball legali, pereżempju minn ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità [51]. Madankollu ma nġab ebda argument bħal dan mill-appellanti fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri tal-appell.

67. Meqjus dak iktar 'il fuq, l-opinjoni tiegħi hija li t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

### 3. Neċessità tal-informazzjoni mitluba

#### a) L-argumenti tal-partijiet

68. Permezz tat-tielet aggravju, dirett kontra l-punti 48 sa 80 tas-sentenza appellata, HeidelbergCement tikkritika lill-Qorti Ġenerali għall-interpretazzjoni tagħha tar-rekwiżit ta' "neċessità" tal-informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003. Tressqu diversi argumenti biex isostnu dan l-aggravju. L-ewwel nett, HeidelbergCement tissottometti li l-Qorti Ġenerali naqset teżamina jekk il-Kummissjoni kellhiex fil-pussess tagħha, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, indizji suffiċjenti insostenn ta' suspett ta' ksur li seta' jkun hemm tal-Artikolu 101 TFUE. Mingħajr eżami bħal dan, ikun impossibbli tiġi eżerċitata kull forma ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar jekk il-kriterju ta' neċessità ikunx tħares fil-każ inkunsiderazzjoni. It-tieni nett, HeidelbergCement tissottometti li l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 18 essenzjalment kienet tagħti diskrezzjoni bla limiti lill-Kummissjoni, kuntrarjament għall-kliem ta' dik id-dispożizzjoni. It-tielet nett, HeidelbergCement tikkontendi li l-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa l-ħtieġa ta' ċerti tipi speċifiċi ta' informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni, billi qalet li stħarriġ ġudizzjarju seta' jiġi eżerċitat fi stadju ulterjuri tal-proċedura. Ir-raba' nett, HeidelbergCement targumenta li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta aċċettat li l-Kummissjoni kellha s-setgħa titlob informazzjoni li kienet diġà fil-pussess tagħha.

50 — Ara wkoll il-premessi 4 u 6 tad-deċiżjoni kkontestata.

51 — Dwar dawn il-kwistjonijiet, rispettivament, ara l-Konklużjonijiet tiegħi fi Schwenk Zement vs Il-Kummissjoni C-248/14 P, u, Buzzi Unicem vs Il-Kummissjoni C-267/14 P.

69. Il-Kummissjoni ssostni li l-argumenti tal-appellanti huma limitati għall-mistoqsijiet 1A, 1B, 3 u 4 tal-kwestjonarju. Imbagħad tgħaddi biex tgħid li l-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata għax naqset milli tinvestiga jekk il-Kummissjoni kellhiex fil-pussess tagħha indizji suffiċjenti li jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) minħabba li l-appellanti ma argumentatx dwar dan fl-ewwel istanza. Il-Kummissjoni tikkontendi wkoll li, fi stadju bikri tal-investigazzjoni, ma jistax ikun jeħtiġilha tistabbilixxi korrelazzjoni preċiża bejn l-allegat ksur u l-informazzjoni mitluba. F'kull każ, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Qorti Ġenerali fil-fatt ivverifikat li kien hemm rabta bħal din fir-rigward tal-informazzjoni mitluba. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tiddefendi l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li għandha l-jedd, taħt ċerti kundizzjonijiet, toħroġ talba ġdida għal informazzjoni diġà mogħtija minn impriża.

b) Analiżi

i) Fuq ir-rekwiżit ta' neċessità

70. L-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 għandha tkun "neċessarja" għall-Kummissjoni biex tagħti effett lill-Artikoli 101 u 102 TFUE[52]. Il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa f'dan ir-rigward[53]. B'mod partikolari hija fil-prinċipju l-Kummissjoni li għandha tiddeċiedi jekk parti speċifika ta' informazzjoni jew dokument tkunx "neċessarja" għall-investigazzjoni tagħha[54].

71. Din id-diskrezzjoni ma hijiex, madankollu, mingħajr limiti u, f'kull każ, suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju mill-qrati tal-Unjoni[55]. Huwa minnu li l-kelma "neċessarja" ma tistax tinqara litteralment ħafna bħala li tfisser li l-informazzjoni mitluba għandha titqies *conditio sine qua non* biex ikun iddeterminat l-allegat ksur mill-Kummissjoni[56]. Madankollu interpretazzjoni wiesgħa ħafna ta' dik il-kelma lanqas ma hija permissibbli: kif l-Avukat Ġenerali Jacobs innota f'SEP, relazzjoni biss bejn dokument u l-ksur allegat ma hijiex biżżejjed biex tiġġustifika talba għal żvelar mill-Kummissjoni[57]. Jiena naqbel. Fil-fatt, kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jagħti lill-Kummissjoni diskrezzjoni kważi mingħajr limiti f'din il-ħaġa, l-Artikolu 18(3) kien x'aktarx jagħmel riferiment għal informazzjoni "rilevanti" jew "relatata" minflok "informazzjoni neċessarja".

72. Il-kelma "neċessarja", għalhekk, għandha tinftiehem bħala li tfisser li għandu jkun hemm korrelazzjoni bejn l-informazzjoni mitluba u l-allegat ksur li tkun *biżżejjed qrib* biex il-Kummissjoni tkun tista' raġonevolment tassumi, fiż-żmien tat-talba, li dik tal-ewwel tkun tista' tgħinha taqdi dmirijietha fil-kuntest ta' investigazzjoni li tkun għaddejja[58]. L-eżami tar-rekwiżit ta' neċessità jimponi, fi kliem ieħor, analiżi dwar jekk, mill-perspettiva tal-Kummissjoni li tkun aġixxiet fiż-żmien tal-adozzjoni tat-talba, l-informazzjoni mitluba mingħand impriża tistax tgħin lill-Kummissjoni biex tivverifika jekk l-allegat ksur ikunx seħħ, u biex tiddetermina n-natura preċiża u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

52 — Ara l-premessa 23 tar-Regolament Nru 1/2003.

53 — Iktar 'il fuq, punt 22 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

54 — Sentenza AM & S Europe vs Il-Kummissjoni, 155/79, EU:C:1982:157, punt 17.

55 — Ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Darmon fis-sentenza Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:207, punt 66.

56 — Pereżempju l-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet li anki jekk ikollha provi li jkun hemm ksur, il-Kummissjoni tista' leġittimament tieħu l-pożizzjoni li jkun meħtieġ tordna iktar investigazzjonijiet li jgħinuha tiddefinixxi aħjar il-kamp ta' applikazzjoni tal-ksur, tiddetermina kemm idumu jew tidentifika ċ-ċirku ta' impriżi involuti. Ara Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:387, punt 15.

57 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs f'SEP vs Il-Kummissjoni, C-36/92 P, EU:C:1993:928, punt 21.

58 — Ara s-sentenzi AM & S Europe vs Il-Kummissjoni, 155/79, EU:C:1982:157, punt 15, u SEP vs Il-Kummissjoni, C-36/92 P, EU:C:1994:205, punt 21; u l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs f'SEP vs Il-Kummissjoni, C-36/92 P, EU:C:1993:928, punti 20 sa 22.

73. Jidher li huwa importanti jingħad ukoll, f'dan l-istadju, li l-għan ta' talba għal informazzjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 huwa li ma jinġiebx fid-deher *kull* ksur li jista' jkun hemm tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni f'settur partikolari jew minn impriża partikolari. Tabilħaqq, dik id-dispożizzjoni – eżatt bħall-Artikolu 20 tal-istess Regolament dwar spezzjonijiet – titlob li l-Kummissjoni jkollha fil-pussess tagħha għadd ta' indizji li jkunu wassluha biex tissuspetta li kien hemm ċertu ksur *speċifiku*[59], anki jekk min ikun irċieva t-talba ma kienx bilfors jeħtieġlu jkun waħda mill-impriżi responsabbli għal dak il-ksur. Fin-nuqqas ta' kull indizju konkret li jikkostitwixxi motiv raġonevoli għal suspett[60], l-adozzjoni ta' deċiżjoni li titlob informazzjoni skont l-Artikolu 18(3) tista' titqies li tkun miżura arbitrarja ta' investigazzjoni[61].

74. Madankollu, in-nuqqas ta' indizji konkreti li jiġġustifikaw talba skont l-Artikolu 18 ma jfissirx li l-Kummissjoni hija mċaħħda mill-possibbiltà li tinvestiga fejn tqis li xi setturi tal-ekonomija tas-suq intern ma jkunux qed jiffunzjonaw sewwa. Fil-fatt, l-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1/2003 jippermetti lill-Kummissjoni tinvestiga setturi tal-ekonomija jew tipi ta' ftehimiet ma' diversi setturi ekonomiċi fejn ix-xejra tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, ir-riġidità tal-prezzijiet u ċirkustanzi oħra jissuġġerixxu li l-kompetizzjoni tista' tkun ristretta jew mgħawġa fis-suq intern. Madankollu, l-Artikolu 17 jipprovdi għal strument legali differenti: l-Artikolu 18 – li skontu d-deċiżjoni kkontestata kienet adottata – ma jħallix lill-Kummissjoni tadotta deċiżjonijiet li jitolbu informazzjoni fuq bażi spekulattiva mingħajr ma jkollha suspetti konkreti[62].

75. Kif qalet il-Qorti Ġenerali, deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 18(3) ma jeħtiġilhiex tinkludi riferiment għal dawk l-indizji, bil-kundizzjoni li tidentifika b'mod ċar il-fatti preżunti li jkunu qed jiġu investigati[63]. Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement irriteniet li l-Kummissjoni ma jeħtiġilhiex tikkomunika ma' min jirċievi deċiżjoni li tordna spezzjoni tal-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħha dwar allegat ksur[64]. Dan il-prinċipju jidhirli li huwa applikabbli wkoll fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jitolbu informazzjoni mingħand impriżi skont l-Artikolu 18(3).

76. L-eżistenza u s-suffiċjenza ta' indizji li jsostnu l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 18 huma suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, f'każ li impriża tikkontesta l-legalità ta' dik id-deċiżjoni[65]. Matul il-proċeduri ġudizzjarji, il-Kummissjoni tista,' għalhekk, ikun jeħtiġilha tiżvela l-provi li fuqhom hija tkun ibbażat il-motivi tagħha għal suspett, biex il-qorti tal-Unjoni tkun tista' tivverifika jekk id-deċiżjoni kkontestata kinitx arbitrarja jew le[66]. Madankollu, in-natura arbitrarja ta' deċiżjoni hija kwistjoni distinta min-"neċessità" tal-informazzjoni mitluba f'dik id-deċiżjoni. Hija wkoll kwistjoni li l-imħallfin tal-Unjoni ma jistgħux iqajmu minn rajhom; hija l-parti li tkun qed tidher quddiem il-qrati tal-Unjoni li għandha tissottometti talba speċifika dwar dan il-punt.

ii) Il-każ inkunsiderazzjoni

77. Mill-bidu nett, irrid nindirizza żewġ oġġezzjonijiet preliminari dwar l-ammissibbiltà ta' dan l-aggravju, ippreżentat mill-Kummissjoni.

59 — Ara s-sentenza Cementos Portland Valderrivas vs Il-Kummissjoni, T-296/11, EU:T:2014:121, punt 40.

60 — Għal dak il-għan, ara, b'analoġija, is-sentenza Roquette Frères, C-94/00, EU:C:2002:603, punti 54 u 55.

61 — Ara l-punt 24 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

62 — Ara, b'analoġija, il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott f'Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:223, punt 43.

63 — Punt 37 tas-sentenza appellata.

64 — Ara s-sentenzi Dow Chemical Ibérica *et* vs Il-Kummissjoni, 97/87 sa 99/87, EU:C:1989:380, punt 45, u Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:2030, punt 35.

65 — Ara, b'analoġija, Roquette Frères, C-94/00, EU:C:2002:603, punt 54.

66 — Sentenza Cementos Portland Valderrivas vs Il-Kummissjoni, T-296/11, EU:T:2014:121, punti 41 sa 56.

78. Minn naħa, jidhirli li l-Kummissjoni hija korretta tinnota li, fl-ewwel istanza, l-appellanti ma argumentatx li l-Kummissjoni ma kellhiex indizji biżżejjed biex tiġġustifika l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Konsegwentement, jiena naqbel mal-Kummissjoni li ma tistax issir kritika lill-Qorti Ġenerali għax ma vverifikatx dik il-kwistjoni.

79. Min-naħa l-oħra, ma naħsibx li l-Kummissjoni hija korretta li dan it-tielet aggravju huwa limitat għal dak li sabet il-Qorti Ġenerali dwar il-mistoqsijiet 1A, 1B, 3 u 4. Fil-fatt, fl-ewwel istanza, l-appellanti ma lmentatx dwar il-motivazzjoni inadegwata fid-deċiżjoni kkontestata li, fil-fehma tiegħi, għamlitha impossibbli għaliha teżamina jekk l-informazzjoni mitluba kinitx "neċessarja" skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003.

80. Ir-rikors ta' HeidelbergCement quddiem il-Qorti Ġenerali huwa ċar ħafna fis-sens li l-ewwel linja ta' argument tagħha kienet li l-verifika tan-natura meħtieġa tal-informazzjoni mitluba kienet saret impossibbli minħabba n-nuqqas ta' preċiżjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Il-mistoqsijiet speċifiċi li l-Kummissjoni tirreferi għalihom ingħataw biss bħala eżempji tal-idea li – kif l-appellanti qagħdet attenta li tisħaq – anki jekk il-motivazzjoni kellha titqies li kienet suffiċjenti, il-korrelazzjoni bejn l-informazzjoni mitluba u l-allegat ksur ma kinitx evidenti. Il-linja ta' argument li ffokat biss fuq il-mistoqsijiet 1A, 1B, 3 u 4 inġiebet, għalhekk, bħala alternattiva u sussidjarjament.

81. Wara li ntqal dan, għar-raġunijiet spjegati fl-ewwel aggravju, l-ewwel linja ta' argument miġjuba mill-appellanti jidhirli li hija fondata: jekk ma hemmx għan relattivament iddefinit sewwa għat-talba għal informazzjoni, kif jista' min jirċievi dik it-talba jivverifika jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 18 jkunux ġew issodisfatti jew le għal kull sett ta' mistoqsijiet inkluż fit-talba?

82. F'ġurisprudenza preċedenti, il-Qorti Ġenerali nfisha saħqet dwar l-importanza ta' rabta bejn id-deskrizzjoni tal-għan tal-investigazzjoni u n-natura meħtieġa tal-informazzjoni mitluba. Kif il-Qorti Ġenerali rriteniet, il-kriterju ta' neċessità stabbilit fl-Artikolu 18 għandu jiġi vvalutat b'riferiment għall-għan tal-investigazzjoni, li għandu jiġi ddikjarat fit-talba għal informazzjoni nfisha. Il-Kummissjoni għandha l-jedd teżiġi l-iżvelar biss ta' informazzjoni li biha tkun tista' tinvestiga allegat ksur li jiġġustifika li ssir investigazzjoni u li jkun ġie indikat fit-talba għal informazzjoni [67]. L-Avukat Ġenerali Jacobs saħaq ukoll dwar l-importanza li fid-deċiżjoni nfisha jingħataw dettalji biżżejjed dwar il-portata tal-investigazzjoni [68].

83. Fis-sentenza appellata, għalhekk, il-Qorti Ġenerali mhux biss ikkonfermat in-"neċessità" tal-informazzjoni mitluba abbażi ta' motivazzjoni inadegwata (ma tatx kas tal-ġurisprudenza preċedenti tagħha dwar dan il-punt), iżda – u dan huwa iktar importanti – hija wkoll interpretat ir-rekwiżit tan-"neċessità" b'mod żbaljat. Il-Qorti Ġenerali, fil-fatt tidher li taċċetta li kull rabta bejn l-informazzjoni mitluba u l-allegat ksur hija biżżejjed biex ikun issodisfatt dak ir-rekwiżit.

84. Il-fatt li l-Qorti Ġenerali applikat test mhux korrett ta' neċessità huwa evidenti, l-ewwel nett mill-punti 54 sa 58 tas-sentenza appellata. HeidelbergCement kienet argumentat li ċerti biċċiet ta' informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni ma kienu ta' ebda użu għall-investigazzjoni minħabba li dik l-informazzjoni kienet relatata ma' varjetà ta' prodotti differenti, li kellhom ukoll prezzijiet differenti, miġbura f'daqqa. F'dawk iċ-ċirkustanzi, fil-fehma tal-appellanti, ma seta' jsir ebda paragun tal-prezzijiet fiż-ŻEE li kien jagħmel sens. Mingħajr ma daħlet fil-mertu tal-argument ta' HeidelbergCement, il-Qorti Ġenerali malajr ċaħditu billi qalet li dik l-informazzjoni: (i) setgħet titqies li kellha rabta mal-allegat ksur, (ii) il-kritika relatata man-nuqqas ta' affidabbiltà tad-data mogħtija ma kellhiex rilevanza għal-legalità tat-talba għal informazzjoni, (iii) kellha tkun il-Kummissjoni li tiddetermina jekk

67 — Sentenza Amann & Söhne u Cousin Filterie vs Il-Kummissjoni, T-446/05, EU:T:2010:165, punt 333 u l-ġurisprudenza ċċitata.

68 — Ara l-Konklużjonijiet f'SEP vs Il-Kummissjoni, C-36/92 P, EU:C:1993:928 punt 34.

l-informazzjoni miġbura kinitx tippermettilha ssostni li kien hemm ksur wieħed jew iktar kontra r-rikorrenti, minħabba li r-rikorrenti kienet ħielsa – kieku kien il-każ – tikkontesta l-valur probatorju tal-informazzjoni mitluba fit-tweġiba tagħha għal dikjarazzjoni li seta' jkun hemm ta' oġġezzjonijiet jew insostenn ta' azzjoni ta' annullament kontra d-deċiżjoni finali.

85. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar dan il-punt jidher li huwa żbaljat. Irrispettivament minn jekk l-oġġezzjonijiet ta' HeidelbergCement kinux korretti, huma ma setgħux jiġu miċħuda b'sempliċi dikjarazzjoni li kien hemm xi forma ta' rabta bejn l-informazzjoni mitluba u l-allegat ksur, u li dan kien biżżejjed. Il-kwistjoni ewlenija hija jekk dik l-informazzjoni setgħetx raġonevolment tkun mistennija tgħin lill-Kummissjoni. L-importanza ta' dan l-aspett, madankollu, il-Qorti Ġenerali qiegħda tiċħadha espliċitament meta tgħid li nuqqas li jista' jkun hemm ta' utilità tal-informazzjoni mitluba ma jaffettwax f'kull każ il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. Dak huwa manifestament ħażin. Naqbel li l-Kummissjoni għandha tingħata diskrezzjoni wiesgħa meta tiddeċiedi liema informazzjoni tista' titqies utli (u, għalhekk, "neċessarja" skont it-tifsira tal-Artikolu 18), iżda l-qrati tal-Unjoni ma jistgħux jevitaw jagħmlu kull stħarriġ ġudizzjarju tal-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni. Kieku l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni kienet manifestament irrilevanti għall-għan tal-investigazzjoni, il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata kienet tkun affettwata, kuntrarjament għal dak li rriteniet il-Qorti Ġenerali.

86. Il-fatt li l-appellanti setgħet ikkontestat il-valur probatorju tal-informazzjoni inkwistjoni fit-tweġiba tagħha għall-possibbiltà ta' dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, jew insostenn ta' azzjoni ta' annullament kontra d-deċiżjoni finali ma għandux rilevanza għal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. Deċiżjoni li titlob informazzjoni li ma tkunx neċessarja skont it-tifsira tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 tkun illegali (kollha jew parti minnha) u, bħala tali, għandha tiġi annullata mill-qrati tal-Unjoni. It-test ta' dik id-dispożizzjoni huwa ċar ħafna jiġifieri l-legalità ta' deċiżjoni bħal dik tista' minnufih tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju; skont Artikolu 18(3), id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha "tindika ukoll id-dritt ta' reviżjoni [stħarriġ] ta' deċiżjoni mil-Qorti tal-Ġustizzja".

87. L-applikazzjoni ħażina mill-Qorti Ġenerali tal-kriterju ta' neċessità jidher, it-tieni nett, fil-punti 60 sa 80 tas-sentenza appellata. HeidelbergCement kienet argumentat li d-deċiżjoni kkontestata kisret l-Artikolu 18 minħabba li ħafna mill-mistoqsijiet tagħha kienu jitolbu li hija tagħti informazzjoni li kienet diġà tat meta wieġbet talbiet qabel għal informazzjoni.

88. Il-Qorti Ġenerali fil-bidu fakkret fil-ġurisprudenza tagħha li skontha talbiet għal informazzjoni li jfittxu jiksbu informazzjoni dwar dokument li jkun diġà fil-pussess tal-Kummissjoni ma jistgħux, fil-prinċipju, jitqiesu bħala ġġustifikati mill-ħtiġijiet tal-investigazzjoni. Irriteniet ukoll li deċiżjoni li titlob li min jirċeviha jipprovdi – għat-tieni darba – informazzjoni mitluba qabel, abbażi tal-fatt li parti biss mill-informazzjoni tkun, fil-fehma tal-Kummissjoni, mhux korretta, tista' tkun ta' piż sproporzjonat għall-ħtiġijiet tal-investigazzjoni u ma tkunx, għalhekk, tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità jew tissodisfa r-rekwiżit ta' neċessità. Il-Qorti Ġenerali fl-aħħar nett żiedet tgħid li, fil-fehma tagħha, it-tfittxija ta' mod iktar faċli għall-ipproċessar tar-risposti mogħtija mill-impriżi ma tistax tiġġustifika li dawk l-impriżi jiġu mġiegħla jibagħtu informazzjoni li tkun diġà fil-pussess tal-Kummissjoni f'format ġdid[69].

89. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar dan il-punt jidher persważiv għalija. Il-prinċipji msemmija jidhru li joħorġu direttament mill-kriterju ta' "neċessità" msemmi fl-Artikolu 18[70]. Madankollu l-applikazzjoni ta' dawk il-prinċipji għall-każ inkunsiderazzjoni ma hijiex daqstant konvinċenti.

69 — Ara l-punti 71 sa 74 tas-sentenza appellata u l-ġurisprudenza ċċitata.

70 — Ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Darmon f'Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:207, punt 66.

90. Il-Qorti Ġenerali rriteniet li, f'parti kbira, il-kwestjonarju kien jobbliga lill-appellanti tissottometti mill-ġdid informazzjoni li kienet diġà tat lill-Kummissjoni. F'dak il-kuntest, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument miġjub mill-Kummissjoni li d-deċiżjoni kkontestata fittxet ukoll li ssewwi żbalji allegati fl-informazzjoni mogħtija qabel minn HeidelbergCement: il-Qorti Ġenerali setgħet tidentifika eżempju wieħed biss ta' żbalji allegati. Barra dan, il-Qorti Ġenerali ssib li l-Kummissjoni kienet adottat deċiżjonijiet skont l-Artikolu 18 li kienu kważi identiċi għall-impriżi kollha li kellhom x'jaqsmu fl-investigazzjoni. Dak kien ifisser li l-Kummissjoni ma kinitx tat kas tal-informazzjoni li kienet ingħatat qabel minn kull waħda minn dawk l-impriżi (inkluża HeidelbergCement). Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali sabet li, tal-inqas parzjalment, id-deċiżjoni kkontestata kienet adottata bil-għan proprju li tinkiseb mingħand l-appellanti verżjoni kkonsolidata tat-tweġibiet tagħha fl-imgħoddi[71].

91. Minkejja dak li sabet, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti ta' HeidelbergCement billi osservat li xi wħud mill-mistoqsijiet kienu dwar informazzjoni li ma kinitx intalbet qabel, filwaqt li oħrajn kienu iktar fil-fond minn talbiet ta' qabel għal informazzjoni, għar-raġuni li kienu iktar speċifiċi minħabba li l-portata tagħhom kien inbidlet jew għax kienu żdiedu varjabbli oħra. Abbażi ta' dan, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-fatt li l-għan tal-kwestjonarju kien li tinkiseb informazzjoni ġdida jew iktar iddettaljata kien prova li l-informazzjoni mitluba kienet neċessarja[72].

92. Il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti Ġenerali hija konfuża: tidher li taċċetta li kull bidla fit-test tal-mistoqsijiet li timplika li r-risposti jmisshom jinkludu informazzjoni addizzjonali jew iktar iddettaljata tista' titqies li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 18. Dak ikun minnu anki jekk l-informazzjoni addizzjonali jew iktar iddettaljata tkun parti relattivament żgħira mill-informazzjoni globali mitluba. Tabilħaqq, anki paragun superfiċjali tal-mistoqsijiet imsemmija fis-sentenza appellata ma' dawk magħmula lill-appellanti f'talbiet qabel juri li l-grad ta' tibdil bejn dawk il-mistoqsijiet x'aktarx li sikwit huwa minimu. huwa paċifiku li, kif tgħid l-istess deċiżjoni kkontestata fil-premessa 6, wieħed mill-għanijiet tagħha kien li tinkiseb verżjoni kkonsolidata tal-informazzjoni mogħtija qabel. B'mod partikolari, dik il-konsolidazzjoni kellha tingħata skont il-format mitlub mill-Kummissjoni, biex ikun jista' jsir paragun malajr tad-data kollha li tkun waslitilha.

93. Barra dan, ma huwiex ikkontestat li xi informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni kienet tinsab fid-dominju pubbliku u li l-Kummissjoni setgħet kisbitha faċilment b'mezzi oħra (pereżempju, permezz ta' riċerka fuq l-internet).

94. Jekk inħalli barra l-kwistjoni tal-proporzjonalità ta' talba għal informazzjoni bħal din, bilkemm nara kif, interpretat sewwa, ir-rekwiżit ta' "neċessità" huwa ssodisfatt.

95. Għar-raġunijiet kollha mogħtija iktar 'il fuq, jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta applikat ir-rekwiżit ta' neċessità skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003. It-tielet aggravju tal-appellanti għandu, kif intqal, jintlaqa' u s-sentenza appellata tiġi annullata sa fejn il-Qorti Ġenerali, fil-punti 48 sa 80 ta' dik is-sentenza, ċaħdet il-motiv ta' annullament tal-appellanti dwar in-neċessità tal-informazzjoni mitluba fid-deċiżjoni kkontestata.

71 — Punti 64 u 70 tas-sentenza appellata.

72 — Punti 76 sa 79 tas-sentenza appellata.

4. Format tal-informazzjoni mitluba

a) L-argumenti tal-partijiet

96. Permezz tar-raba' aggravju HeidelbergCement tikkontendi li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 81 sa 85 tas-sentenza appellata, interpretat u applikat ħażin l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 meta aċċettat li l-Kummissjoni kellha l-jedd titlob lil min jirċievi deċiżjoni jagħti l-informazzjoni mitluba f'format speċifiku. L-appellanti targumenta li l-Kummissjoni ma għandhiex permess teżiġi li impriżi jissottomettu l-informazzjoni mitluba skont istruzzjonijiet speċifiċi u stretti.

97. Il-Kummissjoni targumenta li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball f'dak ir-rigward. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-jedd teżiġi li impriża tagħti l-informazzjoni mitluba fil-format li jitqies li jkun meħtieġ. Din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 18 hija wkoll sostnuta mill-premessa 23 tar-Regolament Nru 1/2003 [73] li tirreferi għal "l-informazzjoni [...] kif neċessarju".

b) Analiżi

i) Dwar l-obbligu li tingħata informazzjoni

98. L-ewwel nett għandu jitfakkar li l-proċeduri skont ir-Regolament Nru 1/2003 ma humiex ta' natura kriminali; huma proċeduri amministrattivi li, madankollu, iwasslu għall-impożizzjoni ta' multi kbar fuq impriżi li jinstabu responsabbli għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

99. Bħala tali, ma hemmx dritt assolut għas-silenzju fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri [74]. Kif intqal f'linja ta' ġurisprudenza stabbilita sewwa, impriżi suġġetti għal dawk il-proċeduri għandhom dmir li attivament jikkooperaw fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni, li jimplika li huma għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni kollha b'rabta mas-suġġett tal-investigazzjoni [75].

100. Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni għandha s-setgħa titlob kumpanniji jagħtu risposti għal mistoqsijiet speċifiċi u li jiżvelaw dokumenti fil-pussess tagħhom [76]. Impriża għandha dmir tkun konformi anki jekk l-informazzjoni li jkollha tingħata tkun tista' tintuża mill-Kummissjoni għall-iżvantaġġ tagħha [77].

101. Tabilħaqq, is-setgħat investigattivi tal-Kummissjoni huma dawk esklussivament mogħtija lilha mir-Regolament Nru 1/2003 u, biex tkun tista' ssib u tibda azzjoni għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, hija għandha tistrieħ kważi għalkollox fuq informazzjoni mogħtija minn impriżi nfushom (kif ukoll fuq dokumenti misjuba matul spezzjonijiet).

73 — Dan jissemma wkoll fil-punt 84 tas-sentenza appellata.

74 — Huwa biss dritt li tkun evitata awtoinkriminazzjoni li, f'ċerti limiti, huwa rikonoxxut għall-impriżi bla ħsara għal dawk il-proċeduri: ara iktar 'il quddiem il-punti 149 sa 168 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

75 — Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:387, punt 27.

76 — Iktar 'il fuq, punt 25 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

77 — Ikun interessanti jiġi nnotat li d-dritt li jinħarġu talbiet għal informazzjoni legalment vinkolanti jillimita l-ħtieġa għal dik l-istituzzjoni li tagħmel *in loco* spezzjonijiet fil-postijiet tan-negozju ta' impriżi. Ċertament, talbiet għal informazzjoni ġeneralment jidħlu inqas fil-privatezza ta' impriża u jagħmlu inqas ħsara lin-negozju tagħha ta' kuljum. Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Darmon f'Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:207, punt 155.

102. Wara li għidt dan, irrid nisħaq għal darba oħra li, skont is-sistema stabbilita bir-Regolament Nru 1/2003, l-oneru tal-prova ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni huwa tal-Kummissjoni (jew, skont il-każ, tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni)[78]. Għaldaqstant, anki jekk mingħajr id-dritt għas-silenzju, impriżi ma jistgħux jintalbu jagħmlu xogħlijiet li, strettament, ikunu tal-istruzzjoni u tal-investigazzjoni tal-każ.

103. Il-kwistjoni fundamentali li dan l-aggravju iqajjem hija dik li jkun limitat ir-rwol tal-Kummissjoni fl-investigazzjoni ta' ksur issuspettat tar-regoli tal-kompetizzjoni u r-rwol tal-impriżi suġġetti għall-investigazzjoni fil-kooperazzjoni mal-Kummissjoni. B'mod iktar speċifiku, waħda mill-mistoqsijiet ewlenin li hemm fil-każ inkunsiderazzjoni hija jekk il-kunċett ta' "informazzjoni" tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 jistax jiġi interpretat bħala li jippermetti lill-Kummissjoni teżiġi li impriżi jissottomettu l-informazzjoni mitluba skont format speċifiku ħafna.

104. Jiena tal-fehma li t-tweġiba għal din il-mistoqsija għandha tkun, fil-prinċipju, fin-negattiv.

105. Naqbel mal-Kummissjoni li l-kliem tal-premessa 23 u tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 jissuġġerixxi (b'riferiment għan-"neċessità tal-informazzjoni) li l-Kummissjoni tista' titlob riċevituri jagħtuha l-informazzjoni skont format li jista' jkun utli għall-investigazzjoni tagħha. Il-ħtieġa li tkun ippreżervata l-effikaċja tas-setgħat tal-Kummissjoni li tinvestiga skont ir-Regolament Nru 1/2003 neċessarjament timplika li l-informazzjoni mogħtija għandha mhux biss tkun korretta u kompleta, iżda li tkun tista' tinftiehem u tiġi sfruttata malajr minn dik l-istituzzjoni. Dik l-informazzjoni, għaldaqstant, ma għandhiex tingħata b'mod imħawwad, mhux sistematiku jew f'biċċiet. Barra dan, impriża ma għandhiex tfawwar lill-Kummissjoni b'dokumenti u data mhux mitluba, billi tħalli għall-Kummissjoni tagħżel l-informazzjoni rilevanti.

106. Madankollu, il-kunċett ta' "informazzjoni" ma jistax jiġġebbed tant li jkun ifisser li impriżi jistgħu jintalbu jlestu xogħlijiet li jkun hemm bżonn biex jinbena każ u, konsegwentement, tipikament jitwettqu mill-persunal tal-Kummissjoni. L-obbligu stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 huwa limitat għal "tipprovdi l-informazzjoni" jew, kif qalet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha, biex l-informazzjoni tkun tista' tinkiseb[79]. Imkien f'dik id-dispożizzjoni ma hemm riferiment espress għal obbligi li jmorru lil hinn mis-sottomissjoni ta' informazzjoni.

107. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li, fil-prinċipju, il-Kummissjoni ma għandhiex jedd, skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, teżiġi li min jirċievi deċiżjoni, jagħti – fiċ-ċirkustanzi kollha – l-informazzjoni mitluba f'format speċifiku. Dak ma jfissirx, madankollu, li impriża tista' f'kull żmien sempliċement ma tagħtix kas tal-format mitlub mill-Kummissjoni biex l-informazzjoni tingħata. Mġiba bħal din tkun kontra d-dmir ta' kooperazzjoni attiva. Impriża għandha, għalhekk, tieħu inkunsiderazzjoni kif imiss tal-format meħtieġ mill-Kummissjoni għas-sottomissjoni tal-informazzjoni mitluba.

108. Fil-prattika, l-operazzjonijiet ta' formatting li l-Kummissjoni tista' titlob lil kumpannija tagħmel jiddependu, fil-fehma tiegħi, min-natura tal-informazzjoni li jkollha tingħata. Fir-rigward tal-informazzjoni inkwistjoni fil-każ inkunsiderazzjoni jistgħu jiġu identifikati tliet tipi differenti: (i) informazzjoni li kien jeħtiġilha tinġabar flimkien u tingħaqad biex tinftiehem malajr u tintuża mill-Kummissjoni; (ii) informazzjoni li kienet tinsab f'format li setgħet tintbagħat minnufih lill-Kummissjoni, minħabba li setgħet tinftiehem malajr u tintuża minn din tal-aħħar; (iii) informazzjoni li kienet fid-dominju pubbliku.

78 — Iktar 'il fuq, punt 26 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

79 — Iktar 'il fuq, punt 99 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

109. Dwar l-ewwel tip ta' informazzjoni, dan kien jikkonsisti f'informazzjoni li min irċieva d-deċiżjoni inevitabbilment kellu jiġbor flimkien qabel ma seta' jissottomettiha lill-Kummissjoni. Għalhekk jidhirli li jsegwi mid-dmir ta' kooperazzjoni attiva li, f'dawk iċ-ċirkustanzi, impriża tista' tkun mistennija tagħmel sforz biex issegwi l-format mitlub mill-Kummissjoni. Sakemm il-format magħżul mill-Kummissjoni ma jkunx iktar ta' piż b'mod sinjifikanti possibbilment minn formats oħra li jistgħu jintużaw, l-impriża inkwistjoni setgħet raġonevolment tintalab tkun konformi mal-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni.

110. Madankollu, fir-rigward tat-tieni u t-tielet tip ta' informazzjoni, ma naħsibx li kull talba biex l-informazzjoni rilevanti tiġi fformulata mill-ġdid setgħet titqies aċċettabbli. Minħabba li min irċieva d-deċiżjoni seta' jissottometti minnufih informazzjoni mitluba b'mod li bih il-Kummissjoni setgħet tifhimha u tipproċessaha malajr, ma nara ebda raġuni għaliex l-operazzjonijiet ta' formulazzjoni mill-ġdid tad-data bil-mod li l-Kummissjoni kienet tqis l-iktar adatt għall-investigazzjoni tagħha ma twettqux mill-persunal stess tal-Kummissjoni.

111. F'dawk iċ-ċirkustanzi, it-talba tal-Kummissjoni biex ammont kbir ta' data jiġi fformulat mill-ġdid setgħet, *mutatis mutandis*, titqabbel ma' talba biex għadd ta' dokumenti twal fil-pussess ta' impriża jiġu tradotti f'lingwa differenti. Il-fatt li l-persunal tal-Kummissjoni jista' ma jkollux il-ħiliet lingwistiċi meħtieġa, fil-fehma tiegħi, ma jiġġustifikax talba bħal dik.

112. F'dan il-kuntest, ma għandux jintesa li, mhux bħalma jiġri fil-livell tal-Istati Membri dwar affarijiet bħal tassazzjoni u garanziji, fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma hemmx regoli espressi dwar il-mod li bih impriżi għandhom jorganizzaw u jaħżnu data u dokumenti li jistgħu jkunu rilevanti għal investigazzjonijiet skont ir-Regolament Nru 1/2003. Impriżi huma, għalhekk, ħielsa jużaw il-metodi ta' organizzazzjoni u ħażna tal-informazzjoni fil-pussess tagħhom li huma jaħsbu li jkunu l-aħjar. Jekk, fil-kuntest ta' investigazzjoni għal ksur issuspettat tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tkun tixtieq li informazzjoni tinħażen b'mod differenti, dan huwa xogħol li eżattament jagħmel parti mit-tħejjija tal-każ.

ii) Il-każ inkunsiderazzjoni

113. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qalet li, bħala prinċipju, is-setgħa tal-Kummissjoni li titlob informazzjoni skont l-Artikolu 18 għandha neċessarjament timplika l-possibbiltà għal din l-istituzzjoni li teżiġi li informazzjoni tingħata skont format speċifiku. Żiedet tgħid ukoll li l-eżerċizzju ta' din is-setgħa huwa, madankollu, suġġett għal limiti li joħorġu mill-prinċipju ta' proporzjonalità u d-dritt tal-impriża li tevita awtoinkriminazzjoni [80]. Il-Qorti Ġenerali mbagħad għaddiet biex teżamina d-deċiżjoni kkontestata mill-angolu tal-proporzjonalità u kkonkludiet li, minkejja li pprovokat "xogħol ta' piż partikolarment sinjifikanti" għal min irċeviha [81], hija ma kisritx dan il-prinċipju [82].

114. Għar-raġunijiet spjegati fil-punti 98 sa 112 iktar 'il fuq, insib li dan ir-raġunament ma huwiex korrett. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali, fil-każ inkunsiderazzjoni, interpretat ħażin il-kunċett ta' informazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003.

115. Jiena tal-fehma li l-Artikolu 18, interpretat sewwa, ma kienx jippermetti lill-Kummissjoni titlob lill-appellanti jagħtu l-informazzjoni kollha mitluba fid-deċiżjoni kkontestata fil-format speċifiku stabbilit fl-Anness II u fl-Anness III [83] ta' dik id-deċiżjoni.

80 — Punti 85 u 86 tas-sentenza appellata.

81 — Punti 96 u 106 tas-sentenza appellata.

82 — Punti 89 sa 108 tas-sentenza appellata.

83 — L-Anness II (istruzzjonijiet dettaljati għat-tweġibiet tal-kwestjonarju) u l-Anness III (templates ta' tweġibiet) tad-deċiżjoni kkontestata flimkien jammontaw għal kważi 30 paġna ta' istruzzjonijiet estremament iddettaljati.

116. L-istruzzjonijiet mogħtija dwar il-mod li bih l-informazzjoni kellha tingħata lill-Kummissjoni kienu mill-iktar stretti. Konformità sħiħa mal-format meħtieġ kienet żgurata b'theddida espliċita ta' sanzjonijiet. Fil-kaxxa fil-bidu tal-kwestjonarju, il-Kummissjoni tikteb (b'ittri kbar u b'linja taħthom): "Jekk jogħġbok innota li t-tweġiba tiegħek tista' titqies li ma tkunx korretta jew qarrieqa jekk ma jkunux osservati d-definizzjonijiet u l-istruzzjonijiet li ġejjin".

117. Għalhekk il-Kummissjoni ma talbitx biss għal format speċifiku biex tingħata l-informazzjoni li kellha tinġabar flimkien mill-appellanti; fil-fatt minflok talbet li l-informazzjoni kollha kellha tingħata skont dak il-format, irrispettivament mill-ammont u n-natura tagħha [84].

118. Dan, fil-fehma tiegħi, huwa inaċċettabbli. Bħala konsegwenza tat-talba tal-Kummissjoni l-appellanti kien jeħtiġilha tagħmel xogħlijiet ta' formatting (u formatting mill-ġdid) li, fil-prinċipju, kien imisshom twettqu mill-Kummissjoni.

119. L-ewwel nett, kif spjegat l-appellanti – mingħajr ma kienet kontradetta mill-Kummissjoni – ħafna mid-data mitluba setgħet tingħata minnufih fil-format li fih kienet maħżuna fid-databases tagħha. Minflok, il-fatt li l-Kummissjoni eżiġiet format speċifiku u strett ħafna għal dik id-data ħoloq ammont sinjifikanti ħafna ta' xogħol addizzjonali, sempliċement għall-formatting mill-ġdid ta' dik id-data.

120. It-tieni nett, il-Kummissjoni talbet ukoll lill-appellanti tissottometti informazzjoni li evidentement kienet fid-dominju pubbliku. Pereżempju, il-punt 10 tal-Anness II tad-deċiżjoni kkontestata jaqra: "Il-valuri monetarji kollha għandhom ikunu espressi fl-ewro. Jekk il-munita lokali użata ma hijiex l-ewro, jekk jogħġbok ibdel fl-ewro billi tuża r-rata tal-kambju uffiċjali ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fir-perijodu ta' riferiment". Waqt is-seduta, il-Kummissjoni ntalbet tfisser għaliex dawk il-kalkoli ma setgħux isiru mill-persunal tagħha stess. Il-Kummissjoni ma tatx tweġiba.

121. It-tielet nett, billi fil-kuntest ta' dan l-aggravju ma hemmx kwistjoni dwar l-ammont ta' informazzjoni, ma hemmx dubju li x-xogħlijiet ta' formatting mitluba mill-appellanti kienu numerużi, kumplessi u tqal. Fir-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, HeidelbergCement inkludiet xi stimi ddettaljati dwar l-għadd ta' sigħat ta' xogħol li kienu meħtieġa biex jitwieġeb il-kwestjonarju tal-Kummissjoni u l-ispejjeż li kien hemm. Hija offriet ukoll xi provi insostenn tal-istimi tagħha. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, sempliċement ikkontestat dawk l-istimi billi allegat li l-appellanti ma kinitx ġabet provi biżżejjed jew affidabbli. Madankollu l-Kummissjoni ma offriet ebda element konkret insostenn tal-oġġezzjonijiet tagħha, lanqas ma identifikat żbalji li seta' kien hemm f'dawk l-istimi. Għalhekk, waqt is-seduta, il-Kummissjoni ntalbet tagħti r-raġunijiet għaliex ħasbet li HeidelbergCement kienet eżaġerat dawk l-istimi u x'kienu jkunu, fil-fehma tagħha, figuri iktar affidabbli. Il-Kummissjoni ma setgħet tagħti ebda stima ġenerali, lanqas ma offriet xi spjegazzjoni dwar ir-raġuni għaliex l-istimi tal-appellanti ma setgħux jitqiesu kredibbli.

122. Essenzjalment, jidhirli li, fil-każ inkunsiderazzjoni, l-appellanti kien jeħtiġilha tagħmel xogħlijiet klerikali u amministrattivi li kienu tant estensivi, kumplessi u jieħdu tant żmien meta ssottomettiet l-informazzjoni mitluba, li l-bini ta' każ kontriha deher li kien "ingħata" biex jitwettaq mill-impriża investigata.

123. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, jiena tal-fehma li l-appellanti hija korretta meta tgħid li l-Qorti Ġenerali żbaljat fl-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003. Ir-raba' aggravju tal-appellanti għandu, konsegwentement, jintlaqa' u s-sentenza appellata tiġi annullata sa fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, għar-raġunijiet indikati fil-punti 23 sa 43 ta' dik is-sentenza, li l-Kummissjoni kellha l-jedd titlob l-informazzjoni indikata fl-Anness I tad-deċiżjoni kkontestata, skont il-format muri fl-Anness II u fl-Anness III tagħha.

84 — Informazzjoni ta' dan it-tip hija spjegata fil-punti 108 sa 110 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

5. Termini ta' skadenza tat-talba

a) L-argumenti tal-partijiet

124. Permezz tal-ħames aggravju tagħha dirett kontra l-punti 101 sa 108 tas-sentenza appellata, HeidelbergCement tikkontesta l-analiżi tal-Qorti Ġenerali tal-proporzjonalità tat-termini ta' skadenza stabbiliti fid-deċiżjoni kkontestata. B'mod partikolari, HeidelbergCement tissottometti li dik il-qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li dawk it-termini ta' skadenza kienu raġonevoli, meta jitqiesu l-mezzi li kien hemm għad-dispożizzjoni ta' impriża tad-daqs u l-iskala ta' HeidelbergCement. Dan kien jirriżulta f'li jsiru talbiet għal informazzjoni b'termini ta' skadenza differenti, skont il-mezzi ekonomiċi għad-dispożizzjoni tal-impriżi kkonċernati.

125. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, tinnota li l-appellanti tikkritika biss il-punt 107 tas-sentenza appellata, u mhux il-bqija tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali, u titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad dak l-aggravju.

b) Analiżi

126. L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-portata ta' dan l-aggravju huma korretti: l-appellanti tikkritika biss il-fatt li l-Qorti Ġenerali irreferiet għal mezzi għad-dispożizzjoni ta' impriża tad-daqs u l-iskala ta' HeidelbergCement meta vvalutat il-proporzjonalità tat-termini ta' skadenza inkwistjoni.

127. Flimkien ma' dan, m'iniex għalkollox persważ bl-argumenti ta' HeidelbergCement dwar din il-kwistjoni.

128. Biex tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tat-termini ta' skadenza ffissati f'talba għal informazzjoni, il-Kummissjoni (u l-qrati tal-Unjoni meta jistħarrġu l-legalità ta' dik it-talba) jeħtiġilha tqis il-mezzi għad-dispożizzjoni ta' min jirċievi dik it-talba. Kif jista' mod ieħor ikun possibbli li wieħed jivvaluta jekk talba partikolari tqegħidx piż eċċessiv jew sproporzjonat fuq impriża speċifika? L-ekwazzjoni li l-Kummissjoni u l-qrati tal-Unjoni jeħtiġilhom isolvu f'dak ir-rigward għandha żewġ varjabbli: minn naħa, il-kwantità u l-kumplessità tal-informazzjoni mitluba u, min-naħa l-oħra, il-kapaċità attwali ta' min jirċievi talba biex jagħti dik l-informazzjoni.

129. Il-kwantità u l-kumplessità tal-informazzjoni mitluba jiddependu, ovvjament, minn ħafna varjabbli: il-gravità tal-ksur issuspettat, in-natura tal-involviment tal-impriża kkonċernata, l-importanza tax-xhieda mitluba, l-ammont u t-tip ta' informazzjoni utli li l-Kummissjoni taħseb li tkun fil-pussess tal-impriża inkwistjoni [85].

130. Il-kapaċità attwali tar-riċevitur biex jagħti l-informazzjoni mitluba hija prinċipalment funzjoni tal-mezzi (umani, teknoloġiċi u finanzjarji) għad-dispożizzjoni tiegħu.

131. Għalhekk, il-mezzi ġeneralment li jkollha impriża tad-daqs u l-iskala ta' min jirċievi deċiżjoni maħruġa skont deċiżjoni tal-Artikolu 18(3) jidhirli li huma wieħed mill-fatturi li jistgħu jitqiesu biex jiġi ddeterminat jekk, fir-realtà, min jirċievi d-deċiżjoni jkunx jista' raġonevolment ikun mistenni jwieġeb sat-terminu ta' skadenza ffissat mill-Kummissjoni. Evidentement, kif l-appellanti stess tirrikonoxxi, xogħol li jista' jkun eċċessiv għal impriża mmexxija minn familja jista' jkun inqas ta' piż għal multinazzjonali soffistikata b'diversi eluf ta' impjegati.

85 — Ara, b'analoġija, is-sentenza Roquette Frères, C-94/00, EU:C:2002:603, punt 79.

132. Madankollu, dan ma jimplikax neċessarjament – skont l-argument tal-appellanti – li l-Kummissjoni għandha tibgħat talbiet għal informazzjoni b'terminu ta' skadenza differenti għal kull destinatarju. Tabilħaqq, meta tintbagħat l-istess talba għal informazzjoni lil varjetà ta' impriżi, il-Kummissjoni tista' tiffissa wkoll terminu ta' skadenza li jkun proporzjonat għall-impriżi kollha kkonċernati.

133. Wara li għidt dan, naħseb li l-importanza tal-mezzi tal-impriża lanqas ma għanda tkun eżaġerata. B'mod partikolari, il-piż impost fuq impriża ma jistax ikun proporzjon aritmetiku tal-mezzi tagħha. Impriża kbira jista' jkollha iktar persunal, kapaċità finanzjarja ikbar u għodod sofistikati tat-teknoloġija informatika għad-dispożizzjoni tagħha, iżda dan ma jfissirx li l-Kummissjoni jkollha l-jedd teżiġi sforzi eċċezzjonali minn dik l-impriża. Wara kollox, ma huwiex ir-rwol ta' impriża li tagħmel ix-xogħlijiet tal-Kummissjoni, u dan jgħodd irrispettivament mid-daqs ta' dik l-impriża u mill-mezzi għad-dispożizzjoni tagħha.

134. Fil-kuntest ta' dan l-aggravju, madankollu, l-appellanti ma argumentatx li l-Qorti Ġenerali wieżnet ħażin ix-xogħol irrappreżentat mid-deċiżjoni kkontestata kontra l-kapaċità tagħha li tagħti tweġiba, jew ma tatx kas ta' elementi oħra ta' rilevanza għall-analiżi tan-natura proporzjonata tat-termini ta' skadenza stabbiliti fid-deċiżjoni kkontestata. Kif intqal, hija sempliċement oġġezzjonat għall-fatt li l-Qorti Ġenerali qieset il-mezzi li kienu għad-dispożizzjoni tagħha. Għalhekk ma hijiex meħtieġa analiżi ulterjuri tal-proporzjonalità tad-deċiżjoni kkontestata.

135. Abbażi ta' dak iktar 'il fuq, jiena tal-fehma li l-oġġezzjonijiet tal-appellanti dwar il-punti 101 sa 108 tas-sentenza appellata huma infondati.

6. Mistoqsijiet vagi

a) L-argumenti tal-partijiet

136. Permezz tas-sitt aggravju tagħha, HeidelbergCement tissottometti li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 109 sa 114 tas-sentenza appellata, naqset milli tiċċensura li ċerti mistoqsijiet inklużi fid-deċiżjoni kkontestata kienu vagi. L-ewwel nett, il-motivazzjoni tas-sentenza appellata kienet aktarx kontradittorja minħabba li l-Qorti Ġenerali qalet, l-ewwel, li t-talba għal informazzjoni kienet vaga u, sussegwentement, li kienet ċara biżżejjed. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali, wieħed jista' jargumenta, ċaħdet lil HeidelbergCement minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva meta qalet li n-natura mhux preċiża ta' ċerti mistoqsijiet setgħet, skont il-każ, tkun ikkontestata f'azzjoni diretta kontra l-possibbiltà ta' sanzjoni imposta fuq dik l-impriża għax tkun naqset tagħti risposti għal dawk il-mistoqsijiet.

137. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, tikkontendi li d-deċiżjoni kkontestata ma kien fiha ebda mistoqsija li ma kinitx ċara jew li kienet ambigwa. L-iktar l-iktar, kienet tinkludi mistoqsijiet ifformulati b'mod ġenerali li, għalhekk, taw lill-appellanti marġni wiesa' biex timmanuvra biex tagħti tweġiba sewwa.

b) Analiżi

138. Dwar dan l-aspett ukoll, iktar milli rrappreżentat "il-ħaqq ta' Salamun" kollu għerf, is-sentenza appellata tidher li fil-fatt "qasmet it-tarbija fi tnejn" biex ngħid hekk, biex tagħti xi ħaġa liż-żewġ partijiet. Madankollu, il-konklużjoni milħuqa tidher li ma hijiex persważiva għalija.

139. Il-Qorti Ġenerali l-ewwel nett tfakkar fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li skontha l-prinċipju ta' ċertezza legali jitlob li kull att tal-istituzzjonijiet li jipproduċi effetti legali għandu jkun ċar u preċiż biex il-persuni kkonċernati jkunu jafu mingħajr ambigwità x'ikunu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom u, ikunu jistgħu jieħdu passi kif intqal [86]. Dan ir-rekwiżit huwa ferm iktar sinjifikanti f'dan il-kuntest minħabba li, kif il-Qorti Ġenerali stess innotat, l-appellanti, bħala destinatarja ta' deċiżjoni li talbet informazzjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, kienet f'riskju mhux biss li teħel multa jew tħallas penalitajiet kull tant żmien imposti fuqha kieku bagħtet informazzjoni mhux kompleta jew tard jew naqset tagħti informazzjoni, iżda wkoll li tkun imposta fuqha multa kieku tat informazzjoni li l-Kummissjoni qieset li ma kinitx korretta jew li kienet qarrieqa [87].

140. Il-Qorti Ġenerali kompliet tgħid li ċerti mistoqsijiet użaw kliem li tabilħaqq kien "relattivament vag" iżda li ma setax jitqies li jikser il-prinċipju ta' ċertezza legali; bir-raġuni tkun li l-Kummissjoni ma setgħetx twaħħal fl-impriża inkwistjoni għal tweġiba inadegwata meta l-mistoqsija kienet vaga. Għaldaqstant, in-natura vaga tal-mistoqsija għandha titqies mill-qrati tal-Unjoni meta jkunu qed jistħarrġu l-legalità ta' deċiżjoni li timponi multa fuq l-impriża kkonċernata [88].

141. Fl-opinjoni tiegħi, iż-żewġ ilmenti ta' HeidelbergCement dwar dan il-punt huma fondati.

142. Fl-ewwel lok, in-natura tassew qasira u, sa ċertu punt, kontradittorja tas-sentenza appellata għandha, fl-opinjoni tiegħi, tkun iċċensurata. Il-Qorti Ġenerali fil-fatt sabet li xi mistoqsijiet kienu fformulati b'mod vag, għalkemm sa ċertu punt biss ("relattivament vagi"); madankollu hija malajr qalet li ma kinux vagi *biżżejjed* biex id-deċiżjoni kkontestata tinstab li kienet tant ambigwa li l-prinċipju ta' ċertezza legali kien inkiser.

143. Din il-motivazzjoni jixirqilha żewġ rimarki kritiċi. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali tidher li qed timplika li n-nuqqas ta' preċiżjoni ta' mistoqsija (jew ta' għadd ta' mistoqsijiet) ikun rilevanti biss jekk id-deċiżjoni kollha tisfa ambigwa. Dan huwa ħażin. Jekk ċerti mistoqsijiet kienu tassew vagi, allura l-Qorti Ġenerali kien imissha annullat id-deċiżjoni kkontestata fir-rigward biss tal-partijiet li kienu jikkonċernaw dawk il-mistoqsijiet [89]. It-tieni nett, jekk ċerti mistoqsijiet kinux, kif sostniet HeidelbergCement, biżżejjed vagi jew le, huwa impossibbli għal din il-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika. Is-sentenza appellata ma fiha ebda indikazzjoni dwar l-identità u l-kwantità tal-mistoqsijiet li nstabu li kienu vagi, u dwar ir-raġunijiet li għalihom dawk il-mistoqsijiet kienu biss *relattivament* vagi. Dan minkejja l-fatt li, fir-rikors tagħha lill-Qorti Ġenerali, HeidelbergCement kienet għamlet lista tal-mistoqsijiet li, fil-fehma tagħha, ma kinux preċiżi biżżejjed u spjegat fid-dettall ir-raġunijiet (tekniċi jew lingwistiċi) għall-oġġezzjonijiet tagħha għal dawk il-mistoqsijiet.

144. F'dak il-kuntest, għandu jiġi nnotat li, mehmuża mar-rikors tagħha lill-Qorti Ġenerali, kien hemm l-ittra tal-appellanti tas-16 ta' Novembru 2010 lill-Kummissjoni, fejn hija wriet l-ambigwitajiet ta' diversi mistoqsijiet inklużi fl-abbozz tal-kwestjonarju, u talbet għadd ta' kjarifiki mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni, essenzjalment, ma tiċħadx li, għalkemm kienu saru diversi kuntatti bejn il-persunal tagħha u r-rappreżentanti ta' HeidelbergCement fix-xhur ta' wara, it-tħassib imsemmi f'dik l-ittra ma kienx hemm tweġiba għalih.

86 — Punt 111 tas-sentenza appellata.

87 — Punt 104 tas-sentenza appellata.

88 — Punti 112 u 113 tas-sentenza appellata.

89 — Ara, għal dan il-fini, b'analoġija, is-sentenza Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:387, punt 42.

145. Fit-tieni lok, il-fatt li l-appellanti seta' kellha l-jedd tikkontesta multa imposta fuqha talli tat informazzjoni mhux kompleta jew qarrieqa minħabba l-mistoqsijiet relatati vagi, ma jfissirx li l-qrati tal-Unjoni ma jistgħux (u ma għandhomx) jisiltu l-konsegwenzi meħtieġa minn ksur li jkun hemm tal-prinċipju ta' ċertezza legali mill-Kummissjoni. Kif imsemmi qabel, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar dan il-punt jidher li jiċħad lil parti tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003 mill-effikaċja tagħha[90].

146. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-aggravju li jallega motivazzjoni mhux suffiċjenti u kontradittorja fil-punti 109 sa 114 tas-sentenza appellata għandu jintlaqa'.

7. Awtoinkriminazzjoni

a) L-argumenti tal-partijiet

147. Permezz tas-seba' aggravju tagħha – dirett kontra l-punti 115 sa 139 tas-sentenza appellata – HeidelbergCement tissottometti li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod eċċessivament restrittiv id-dritt tagħha li tevita awtoinkriminazzjoni, u li hija naqset ukoll milli tħares dak id-dritt fil-każ li għandna quddiemna.

148. Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mill-appellanti. Hija tisħaq li l-Mistoqsija 1D ma kinitx titlob li HeidelbergCement tipprovdi analiżi jew evalwazzjoni legali ta' mġiba speċifika, iżda biss li tipprovdi metodu għall-kalkolazzjoni ta' marġnijiet gross kull tliet xhur. Jekk ma kienx hemm metodu bħal dan għal HeidelbergCement, din il-kumpannija setgħet żammet lura milli tagħti tweġiba.

b) Analiżi

149. Mill-bidu nett, jidher utli jitfakkar li l-premessa 23 tar-Regolament Nru 1/2003 tagħmel riferiment għad-dritt tal-impriża li tevita li tinkrimina lilha nfisha meta tikkonforma ma' deċiżjoni tal-Kummissjoni li titlob informazzjoni. Dan id-dritt kien diġà ġie rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja, anki qabel ma dak ir-Regolament kien ġie adottat[91]. Huwa tabilħaqq wieħed mill-komponenti bażiċi tad-dritt ta' difiża ta' impriża li għandu jinżamm tul il-proċeduri mibdija mill-Kummissjoni skont ir-Regolament Nru 1/2003.

150. Nibda biex nindirizza ċerti argumenti preliminari mressqa mill-Kummissjoni li ma nsibx li huma persważivi. L-ewwel nett, dak li tgħid il-Kummissjoni li HeidelbergCement setgħet żammet lura milli tagħti tweġiba jekk ma kienx hemm metodu bħal dak mitlub għal dik l-impriża huwa, fil-fehma tiegħi, manifestament ħażin. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali diġà kienet ċaħdet argument bħal dan billi nnutat li l-mistoqsija kienet abbozzata fi kliem fl-imperattiv u, billi dan kien hekk, l-appellanti kellha tagħti tweġiba[92]. It-tieni nett, il-Kummissjoni qiegħda, fil-fehma tiegħi, tinterpreta ħażin in-natura tal-Mistoqsija 1D: din il-mistoqsija ma talbitx lil HeidelbergCement tindika l-metodu użat, jekk kien hemm, biex tikkalkula l-marġnijiet gross kull tliet xhur, iżda l-metodu, *meqjus bħala adatt* minn din il-kumpannija, biex ikunu kkalkolati dawn il-marġnijiet. Id-differenza ma hijiex ta' sinjifikat żgħir; il-mistoqsija ma hijiex biss fattwali iżda kienet titlob li r-rikorrenti tesprimi opinjoni, kif intqal korrettement mill-Qorti Ġenerali[93].

90 — Fil-parti li taqra "[id-deċiżjoni tal-Kummissjoni] għandha tindika wkoll id-dritt li d-deċiżjoni tiġi mistħarrġa mill-Qorti tal-Ġustizzja".

91 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:387, punt 35 u Solvay vs Il-Kummissjoni, 27/88, EU:C:1989:388, punt 32.

92 — Punti 128 sa 131 tas-sentenza appellata.

93 — Punti 126 u 132 tas-sentenza appellata.

151. F'dan l-isfond, issa ser neżamina, fl-ewwel lok, jekk il-Qorti Ġenerali interpretatx wisq restrittivament id-dritt li tiġi evitata l-awtoinkriminazzjoni u, fit-tieni lok, jekk dan id-dritt kienx applikat b'mod korrett f'dan il-każ.

152. Fil-punt 121 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rriteniet li għandha ssir distinzjoni bejn mistoqsijiet li jistgħu jiġu kklassifikati bħala purament fattwali u dawk la ma jistgħux. Ikun biss jekk mistoqsija ma tkunx tista' tiġi kklassifikata bħala purament fattwali li, fl-opinjoni ta' dik il-qorti, ikollu jiġi aċċertat jekk mistoqsija bħal din tkunx tinvolvi ammissjoni min-naħa tal-impriża kkonċernata li jkun hemm ksur li l-Kummissjoni tkun obbligata ġġib prova dwaru. Fil-punt 124, il-Qorti Ġenerali sabet li mistoqsija li kienet teżiġi li l-impriża timla data, mingħajr ma titlob għal espressjoni ta' opinjoni dwarha, ma setgħetx tikser id-drittijiet ta' difiża ta' dik l-impriża.

153. Din hija, fil-fehma tiegħi, interpretazzjoni ħażina tad-dritt li tkun evitata awtoinkriminazzjoni. Minkejja l-kliem daqsxejn ambigwu tal-premessa 23 tar-Regolament Nru 1/2003 [94], jekk mistoqsija teżiġix li impriża tagħti biss informazzjoni fattwali (bħal kumpilazzjoni ta' data, kjarifika ta' ċirkustanzi fattwali, deskrizzjoni ta' fatti ta' natura oġġettiva, eċċ.) huwa element importanti f'dak ir-rigward, iżda mhux neċessarjament deċiżiv. Il-fatt li ma tintalab ebda informazzjoni ta' natura suġġettiva mingħand impriża ma jeskludix il-possibbiltà li, f'ċerti ċirkustanzi, id-dritt ta' dik l-impriża li tevita awtoinkriminazzjoni jista' jinkiser.

154. Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement għamlet irreferiet għal mistoqsijiet li "jistgħu *jinvolvu* ammissjoni min-naħa tagħha tal-eżistenza ta' ksur" [95]. Il-kliem użat mill-Qorti tal-Ġustizzja ma huwiex nieqes minn tifsira [96]. F'PVC II, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tikkjarifika t-test għal awtoinkriminazzjoni: dak li hu importanti huwa jekk tweġiba mill-impriża li għandha tkun indirizzata l-mistoqsija tkunx fil-fatt *ekwivalenti* għall-ammissjoni ta' ksur [97].

155. Dik il-ġurisprudenza tfisser li l-Kummissjoni ma għandhiex permess tistaqsi mistoqsijiet li t-tweġibiet għalihom jistgħu *jimplikaw* ammissjoni ta' ħtija mill-impriża inkwistjoni.

156. Pereżempju, ma hemmx dubju, fil-fehma tiegħi, li l-Kummissjoni ma għandhiex dritt tistaqsi lil impriżi jekk, matul laqgħa partikolari, ir-rappreżentanti tagħhom ikunux qablu ma' dawk tal-kompetituri tagħhom għal żieda fil-prezzijiet, jew aċċettaw li ma jikkompetux f'ċerti swieq nazzjonali. Għalkemm mistoqsijiet bħal dawn jistgħu jiġu deskritti bħala purament fattwali, huma b'mod manifest jiksru d-dritt ta' impriża li ma tagħtix informazzjoni awtoinkriminatorja minħabba li tweġiba tista' tkun ekwivalenti għal ammissjoni espressa ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

94 — Il-premessa 23 tagħmel riferiment, kif imsemmi, għal "domandi fattwali". Il-problema li jinstab l-aħjar kliem biex ikun identifikat it-tip ta' mistoqsijiet li, minħabba l-kontenut fattwali tagħhom, ma jistgħux jiksru d-dritt li wieħed ma jinkriminax lilu nnifsu toħroġ ukoll mill-ġurisprudenza. Pereżempju, fil-konklużjonijiet tiegħu f'Il-Kummissjoni vs SGL Carbon (C-301/04 P, EU:C:2006:53, punt 77), l-Avukat Ġenerali Geelhoed jirreferi għal mistoqsijiet li "jikkonċernaw fatti ta' natura oġġettiva" Il-Qorti Ġenerali ġeneralment użat il-kliem mistoqsijiet "purament fattwali" jew "mistoqsijiet ta' natura purament fattwali" (ara, pereżempju, is-sentenzi Mannesmannröhren-Werke vs Il-Kummissjoni, T-112/98, EU:T:2001:61, punt 77, u Raiffeisen Zentralbank Österreich vs Il-Kummissjoni, T-259/02 sa T-264/02 u T-271/02, EU:T:2006:396, punt 539). Interessanti li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem eskludiet, xi drabi, ksur tad-dritt li wieħed ma jinkriminax lilu nnifsu permezz ta' riferiment għal mistoqsijiet li jitolbu li individwi "jiddikjaraw fatt sempliċi" li "fih innifsu ma jkunx inkriminanti" (ara Weh vs L-Awstrija, Nru 38544/97, QEDB 2004; u O'Halloran u Francis vs Ir-Renju Unit, Nri 15809/02 u 25624/02, QEDB 2008).

95 — Sentenza Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:387, punt 35, u Solvay vs Il-Kummissjoni, 27/88, EU:C:1989:388, punt 32.

96 — Fil-Franċiż (il-lingwa tal-proċedura f'Orkem u f'Solvay) il-punt huwa ugwalment sinjifikanti. Fil-parti rilevanti jaqra kif ġej: "la Commission ne saurait imposer à l'entreprise l'obligation de fournir des réponses par lesquelles celle-ci *serait amenée* à admettre l'existence de l'infraction" (enfażi miżjuda).

97 — Sentenza Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582 ('*PVC II*'), punt 273 (enfażi miżjuda).

157. L-interpretazzjoni proposta tad-dritt li tiġi evitata awtoinkriminazzjoni hija wkoll sostnuta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Kemm f'Orkem kif ukoll f'Solvay, il-Qorti tal-Ġustizzja parzjalment annullat deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li kienu jitolbu informazzjoni skont l-Artikolu 11 ta' dak li kien ir-Regolament (KEE) Nru 17 [98]. Il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li, sa fejn xi mistoqsijiet magħmula setgħu involvew ammissjoni min-naħa tal-impriża inkwistjoni dwar l-eżistenza ta' ksur li l-Kummissjoni kienet obbligata ġġib prova dwaru, huma kienu kisru d-drittijiet ta' difiża ta' dawk l-impriżi [99]. Notevolment, xi wħud minn dawk il-mistoqsijiet setgħu jiġu deskritti bħala li kienu għalkollox jew ġeneralment fattwali. F'Il-Kummissjoni vs SGL Carbon, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li l-Kummissjoni ma setgħetx tobbliga impriża, li kienet irrikonoxxiet li kienet wissiet impriżi oħra fl-industrija tal-elettrodi tal-grafit bil-possibbiltà li setgħu jkunu suġġetti għal investigazzjonijiet mill-Kummissjoni, tikxef l-ismijiet ta' dawk l-impriżi [100]. Dik il-mistoqsija wkoll tista' titqies bħala kompletament fattwali.

158. Għalhekk mistoqsija tista', f'xi ċirkustanzi, tkun oġġezzjonabbli minħabba li t-tweġiba għaliha tkun tista' timplika ammissjoni ta' ħtija anki meta tkun dwar fatti biss u ma tintalab ebda opinjoni dwar dawk il-fatti. Il-Qorti Ġenerali, konsegwentement, wettqet żball ta' liġi meta interpretat id-dritt li wieħed ma jinkriminax lilu nnifsu.

*159. A fortiori*, kuntrarjament għal dak li timplika l-Kummissjoni, mistoqsijiet jistgħu jiksru d-dritt ta' impriża li ma tinkriminax lilha nfisha anki meta l-persuna li tkun indirizzatha ma tintalabx tagħmel analiżi legali jew li tagħti opinjoni legali. Dan joħroġ ċar ħafna mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 157 iktar 'il fuq: ebda waħda mill-mistoqsijiet iċċensurati mill-Qorti tal-Ġustizzja ma kienet teżiġi li l-impriżi kkonċernati jagħtu evalwazzjoni legali. Għalhekk, il-fatt li l-Mistoqsija 1D ma kinitx teżiġi li HeidelbergCement tesprimi opinjonijiet ta' natura legali ma jeskludix neċessarjament li dik il-mistoqsija setgħet tikser id-dritt li wieħed ma jinkriminax lilu nnifsu.

160. Wara li wasalt għal din il-konklużjoni, għal raġunijiet ta' kompletezza, issa ser neżamina jekk id-dritt li wieħed ma jinkriminax lilu nnifsu ġiex applikat ħażin fil-każ inkunsiderazzjoni.

161. Fil-punt 132 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sabet li l-analiżi li HeidelbergCement kien jeħtiġilha tipprovdi skont il-Mistoqsija 1D kienet "effettivament kummentarju dwar il-livell tal-marġnijiet ta' profitti tagħha" u dik setgħet "tikkostitwixxu prova li tindika l-eżistenza ta' prattika antikompetittiva". Għalkemm il-kliem tas-sentenza appellata ma huwiex għalkollox ċar, jidher li qiegħed jgħid li, bi tweġiba għal dik il-mistoqsija, l-appellanti setgħet fil-fatt kienet imġiegħla tammetti l-parteċipazzjoni tagħha fl-allegat ksur.

162. Madankollu l-Qorti Ġenerali mbagħad kompliet tgħid li, minkejja n-natura awtoinkriminatorja tal-Mistoqsija 1D, kellu jitqies ukoll il-fatt li r-rikorrenti kellha l-jedd, fi stadju ulterjuri tal-proċedura amministrattiva jew matul appell kontra d-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni li ġġib 'il quddiem interpretazzjoni alternattiva tar- tweġiba tagħha għal dik il-mistoqsija, interpretazzjoni li setgħet tkun differenti minn dik possibbilment adottata mill-Kummissjoni [101]. Għal din ir-raġuni, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti ta' HeidelbergCement.

163. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali huwa pjuttost konfuż. Il-fatt li HeidelbergCement setgħet ukoll ikkontestat in-natura awtoinkriminatorja tal-Mistoqsija 1D jekk u meta l-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni li timponi fuqha multa (jew għax ma tkunx tat tweġiba għal dik il-mistoqsija jew għax tkun kisret l-Artikolu 101 TFUE) ma jfissirx li l-qrati tal-Unjoni ma jistgħux (u ma għandhomx) jiċċensuraw

98 — Regolament tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 1962, L-ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3).

99 — Ara s-sentenzi Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:387, punti 38, 39 u 41, u Solvay vs Il-Kummissjoni, 27/88, EU:C:1989:388, punti 35 sa 37.

100 — C-301/04 P, EU:C:2006:432, punti 66 sa 70, u l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed fl-istess Kawża, EU:C:2006:53, punti 70 sa 77.

101 — Punt 133 tas-sentenza appellata.

il-ksur mill-Kummissjoni tad-dritt ta' difiża ta' dik l-impriża fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri. Kif indikat fil-punti 86 u 145 iktar 'il fuq, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar dan il-punt iċaħħad lil min jirċievi deċiżjoni mid-dritt tiegħu li dak l-att jiġi mistħarreġ mill-qrati tal-Unjoni, kif espressament jgħid l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003.

164. Il-ħtieġa li jitħares minnufih id-dritt ta' difiża ta' impriża hija – f'sitwazzjoni bħal tal-appellanti – wisq iktar important minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja, sa issa, ma ħaditx pożizzjoni dwar jekk impriża li tagħti tweġiba għal mistoqsija obbligatorja awtoinkriminatorja tkunx, meta tagħmel hekk, qiegħda tirrinunzja għad-drittijiet tagħha u, konsegwentement, il-Kummissjoni jkollha l-jedd tuża dik it-tweġiba bħala prova[102]. Skont ċerti kummentaturi, f'ċirkustanzi bħal dawn l-impriża inkwistjoni ma tistax sussegwentement tikkontesta l-użu ta' dik l-informazzjoni abbażi tal-fatt li l-mistoqsija tkun kisret id-drittijiet ta' difiża tagħha u, bħala tali, dik l-informazzjoni qatt ma kien imissha ntalbet[103].

165. Il-kwistjoni ewlenija li fuqha l-Qorti Ġenerali kien missha ffokat l-analiżi tagħha, f'dan il-kuntest, hija jekk l-għoti ta' tweġiba għall-Mistoqsija 1D setax kien, għal HeidelbergCement, *ekwivalenti* għal ammissjoni ta' ksur.

166. Il-Qorti Ġenerali tidher, madankollu, li tevita l-kwistjoni u li tieħu pożizzjoni soda dwarha. Personalment, ninnota li l-abbozzar tal-Mistoqsija 1D jixbah xi ftit dak taż-żewġ mistoqsijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset oġġezzjonabbli f'Orkem u Solvay minħabba li setgħu ġiegħlu lill-impriża tirrikonoxxi l-parteċipazzjoni tagħha fi ftehim ipprojbit minn (dak iż-żmien) l-Artikolu 85 KEE[104]. Fil-każ inkunsiderazzjoni wkoll, jista' ma jkunx eskluż b'mod ċar li, meta talbet l-opinjoni tal-impriża dwar l-aħjar metodu biex jiġu kkalkolati l-marġnijiet gross kull tliet xhur, il-Kummissjoni fittxet li ġġiegħel lil dik l-impriża tammetti l-kollużjoni tagħha fl-iffissar jew fil-koordinament tal-prezzijiet mal-kompetituri tagħha.

167. Madankollu, minħabba li jidher ċar li l-Qorti Ġenerali, f'kull każ, interpretat ħażin id-dritt li wieħed ma jinkriminax lilu nnifsu, ma nsibx li huwa meħtieġ li nidħol iktar fil-fond f'dan l-aspett.

168. Fid-dawl ta' dan iktar 'il fuq jiena tal-fehma li s-sentenza appellata għandha, kif intqal, tiġi annullata sa fejn, fil-punti 115 sa 139, hija ċaħdet it-talba tal-appellanti relatata ma' ksur tad-dritt tagħha li tevita awtoinkriminazzjoni.

## VI – **Konsegwenzi tal-analiżi**

169. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali jekk l-appell ikun fondat. Fejn il-proċeduri jkunu hekk jippermettu, hija stess tista' tagħti s-sentenza finali fil-materja. Hija tista' wkoll tibgħat lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali.

170. Jiena kkonkludejt li ħamsa mis-seba' aggravji mressqa mill-appellanti għandhom jintlaqgħu u s-sentenza appellata tiġi annullata kif intqal.

171. Fid-dawl tal-fatti disponibbli u l-iskambju ta' fehmiet quddiem il-Qorti Ġenerali u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jiena nqis li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi definittivament din il-kawża[105].

102 — Ara, pereżempju, PVC II, punti 286 sa 292.

103 — Ara, pereżempju, Nuijten, J., "The Investigation of Cartels – Public Enforcer's Perspective", f'Wijckmans, Tuytschaever (Edituri), Horizontal Agreements and Cartels in EU Competition Law, Oxford University Press, 2015, p. 128.

104 — Ara, b'mod partikolari, Orkem vs Il-Kummissjoni, 374/87, EU:C:1989:387, punt 39, u Solvay vs Il-Kummissjoni, 27/88, EU:C:1989:388, punt 36.

105 — Dan huwa minnu għall-aggravji kolla ħlief għas-sitt wieħed. Kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tilqa' dak l-aggravju, is-sentenza appellata jkollha tiġi annullata biss sa fejn tikkonċerna l-punti 109 sa 114 u – minħabba l-motivazzjoni inadegwata ta' dik is-sentenza għall-motiv tal-appellanti dwar in-nuqqas ta' dettalji f'ċerti mistoqsijiet – tintbagħat lura lil dik il-qorti għal eżami mill-ġdid ta' dik il-kwistjoni.

172. Fir-rikors tagħha lill-Qorti Ġenerali, HeidelbergCement ippreżentat ħames motivi insostenn tat-talba tagħha għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

173. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet żviluppati iktar 'il fuq, fil-fehma tiegħi dik id-deċiżjoni kkontestata kienet kontra l-liġi għal tliet raġunijiet ewlenin: kellha motivazzjoni mhux suffiċjenti dwar l-għan tat-talba (ara l-punti 31 sa 55 ta' dawn il-Konklużjonijiet); ma ssodisfatx ir-rekwiżit ta' neċessità (ara l-punti 70 sa 95 ta' dawn il-Konklużjonijiet), u interpretat ħażin il-kunċett ta' "informazzjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003 (ara l-punti 98 sa 123 ta' dawn il-Konklużjonijiet). Kull wieħed minn dawn l-iżbalji ta' liġi huwa, fih innifsu, biżżejjed għall-annullament tad-deċiżjoni kollha. Konsegwentement, ma nsibx li hemm il-ħtieġa li jiġi eżaminat jekk il-motivi l-oħra ppreżentati mill-appellanti fl-ewwel istanza kinux fondati.

## VII – **Spejjeż**

174. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu fit-talbiet tal-parti li tirbaħ il-kawża.

175. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel mal-analiżi tiegħi tal-appell, allura, skont l-Artikoli 137, 138 u 184 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Kummissjoni għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, kemm tal-ewwel istanza, kif ukoll tal-appell.

## VIII – **Konklużjoni**

176. Meqjusa l-kunsiderazzjonijiet kollha iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tħassar is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Marzu 2014 f'HeidelbergCement AG vs Il-Kummissjoni, T-302/11;

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011) 2361 finali tat-30 ta' Marzu 2011 fil-proċeduri skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Kawża 39520 – Siment u prodotti relatati);

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.